IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 5.7.2016
COM(2016) 444 final

ANNEX 9 – PART 3/3

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn il-Kanada, minn naħa, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra

Skeda tal-Parti tal-UE

Riżervi applikabbli fl-Unjoni Ewropea (applikabbli fl-Istati Membri kollha tal-UE sakemm mhux indikat mod ieħor)

Settur:	Setturi kollha:
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment** Fl-Istati Membri kollha tal-UE, is-servizzi meqjusa bħala utilitajiet pubbliċi fuq livell nazzjonali jew lokali jistgħu jkunu suġġetti għal monopolji pubbliċi jew għal drittijiet esklussivi mogħtija lil operaturi privati. L-utilitajiet pubbliċi jeżistu f'setturi bħal servizzi ta’ konsultazzjoni xjentifika u teknika relatati, servizzi ta' riċerka u żvilupp (R&D) dwar xjenzi soċjali u l-studji umanistiċi, servizzi ta' ittestjar tekniku u ta' analiżi, servizzi ambjentali, servizzi tas-saħħa, servizzi tat-trasport u servizzi awżiljarji għall-modi kollha ta' trasport. Jingħataw ta' sikwit drittijiet esklussivi fuq it-tali servizzi lil operaturi privati, pereżempju b'konċessjonijiet minn awtoritajiet pubbliċi, suġġett għal obbligi għal servizz speċifiku. Billi l-utilitajiet pubbliċi sikwit jeżistu wkoll fuq il-livell sottoċentrali, l-iskedar b'mod dettaljat u eżawrenti għal settur speċifiku mhuwiex prattiku. Din ir-riżerva ma tapplikax għal telekomunikazzjonijiet u għal servizzi ta' kompjuter u servizzi relatati oħra.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Setturi kollha:
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta u żżomm kull miżura li tagħti trattament differenzjali għal pajjiż abbażi ta' kull ftehim bilaterali jew multilaterali eżistenti li: (a) joħloq suq intern għas-servizzi u l-investiment; (b) jagħti d-dritt ta' stabbiliment; jew (c) jirrikjedi l-approssimazzjoni ta' leġiżlazzjoni f'settur jew setturi ekonomiċi. Suq intern għas-servizzi u stabbiliment ifisser kull żona mingħajr fruntieri interni li fiha l-moviment liberu tal-persuni, servizzi u kapital huwa żgurat. Id-dritt ta' stabbiliment ifisser sostanzjalment kull obbligu għal abolizzjoni tal-ostakli kollha għal stabbiliment fost il-partijiet għall-ftehim ta’ integrazzjoni ekonomika reġjonali bid-dħul fis-seħħ ta' dak il-ftehim. Id-dritt ta' stabbiliment jinkludi d-dritt ta' ċittadini tal-partijiet għall-ftehim ta’ integrazzjoni ekonomika reġjonali sabiex jistabbilixxu u joperaw impriżi skont l-istess kundizzjonijiet previsti għaċ-ċittadini skont il-liġi tal-pajjiż fejn it-tali stabbiliment ikollu lok.

L-approssimizzazzjoni ta' leġiżlazzjoni tfisser:

(a) l-allinjament tal-leġiżlazzjoni ta' wieħed jew aktar mill-partijiet għall-ftehim ta’ integrazzjoni ekonomika reġjonali mal-leġiżlazzjoni tal-parti jew il-partijiet l-oħra għal dak il-ftehim; jew

(b) l-inkorporazzjoni ta' leġiżlazzjoni komuni fil-liġi tal-partijiet fil-ftehim ta’ integrazzjoni ekonomika reġjonali.

It-tali allinjament jew inkorporazzjoni sseħħ, u tkun meqjusa li sseħħ, biss fiż-żmien li fih din tkun iddaħħlet fil-liġi tal-parti jew tal-partijiet għal ftehim ta’ integrazzjoni ekonomika reġjonali.

Miżuri Eżistenti: Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE)

Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni

Ftehim bilaterali bejn l-UE u l-Konfederazzjoni Żvizzera

Settur: Setturi kollha

Sottosettur:

Klassifikazzjoni tal-industrija:

Tip ta' Riżerva: Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit

Deskrizzjoni: **Investiment**

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura li tadotta trattament differenzjali dwar id-dritt ta' stabbiliment liċ-ċittadini jew lill-impriżi permezz ta' ftehim bilaterali eżistenti jew futur bejn l-Istati Membri segwenti tal-UE: BE, DE, DK, EL, ES, FR, IE, IT, LU, NL, PT, UK, u kull wieħed mill-pajjiżi segwenti jew prinċipalitajiet: San Marino, Monaco, Andorra, and l-Istat tal-Belt tal-Vatikan.

Miżuri Eżistenti:

Settur:	Sajd Akkwakultura Serviżżi inċidentali għas-sajd
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-industrija:	ISIC rev 3.1 0501, ISIC rev 3.1 0502, CPC 882
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta u żżomm kull miżura, b'mod partikolari fi ħdan il-qafas tal-Politika Komuni tas-Sajd, u ta' ftehim dwar is-sajd ma' pajjiż terz, fir-rigward ta' aċċess u l-użu tar-riżorsi bijoloġiċi u l-postijiet għas-sajd li jinsabu fuq l-ilmijiet marittimi li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġuriżdizzjoni tal-Istati Membri tal-UE. L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura: (a) li tirregola l-ħatt l-art imwettaq fis-sottokwoti allokati lill-bastimenti tal-Kanada jew ta' pajjiż terz fil-portijiet tal-UE; (b) li tistabbilixxi daqs minimu għal kumpanija sabiex iżżomm kemm bastimenti tas-sajd artisanli u tal-kosta; jew (c) li tadotta trattament differenzjali għall-Kanada jew pajjiż terz skont ftehim bilaterali eżistenti jew futur dwar is-sajd.

	Liċenżja kummerċjali tas-sajd li tagħti d-dritt għas-sajd fl-ibħra territorjali ta' Stat Membru tal-UE tista' tingħata biss għal bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-UE. L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward tan-nazzjonalità tal-ekwipaġġ ta' bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru tal-UE. Ir-riżervi nazzjonali addizzjonali jistgħu jinsabu fl-iskedi ta riżervi applikabbli fil-BE, BG, DE, DK, ES, FI, FR, IT, LT, LU, LV, MT, NL, PL, PT, RO, SE, SI, SK u UK.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Ġbir, purifikazzjoni u distribuzzjoni tal-ilma
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 41
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	
	Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward ta' attivitajiet, inkluż servizzi dwar il-ġbir, il-purifikazzjoni u d-distribuzzjoni tal-ilma għal utenti domestiċi, industrijali, kummerċjali u oħrajn, inkluż il-forniment ta' ilma potabbli u l-ġestjoni tal-ilma.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizz legali Servizzi notarili Servizzi minn bailiff
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 861, parti minn CPC 87902
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** L-UE, bl-eċċezzjoni ta' SE, tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' konsulenza legali, awtorizzazzjoni legali u ta' ċertifikazzjoni pprovduti minn professjonisti legali b'funzjonijiet pubbliċi, bħal nutara, "*huissiers de justice"* jew *"officiers publics et ministériels"* oħra, u fir-rigward ta' servizzi pprovduti minn bailiffs li huma maħtura permezz ta' att uffiċjali tal-gvern.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi ta' distribuzzjoni u tas-saħħa
Sottosettur:	Bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċinali u ortopediċi u servizzi oħra pprovduti minn spiżjara
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 63211
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq

Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Għall-Istati Membri kollha tal-UE bl-eċċezzjoni ta' BE, BG, EE, u IE, il-bejgħ bil-korrispondenza huwa possibbli biss minn Stati Membri taż-ŻEE, b'hekk li jeħtieġ stabbiliment f'xi wieħed minn dawn il-pajjiżi għall-bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u prodotti mediċinali speċifiċi għall-pubbliku inġenerali fl-UE. Fi BG, DE u EE, il-bejgħ bil-korrispondenza ta' prodott mediċinali huwa pprojbit. Fl-IE, il-bejgħ bil-korrispondenza ta' prodott mediċinali li jirrikjedu riċetta huwa pprojbit. Ir-riżervi nazzjonali addizzjonali jistgħu jinsabu fl-iskedi ta riżervi applikabbli fil-BE, FI, SE u SK.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi ta' distribuzzjoni u tas-saħħa
Sottosettur:	Bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċinali, mediċi u ortopediċi u servizzi oħra pprovduti minn spiżjara
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 63211
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-UE, bl-eċċezzjoni ta' EL, IE, LT, LU, NL, u UK, tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura li tirrestringi n-numru ta' fornituri intitolati li jipprovdu servizz partikolari f'żona speċifika jew post lokali fuq bażi mhux diskriminatorja sabiex jiġi prekluż il-forniment żejjed f'postijiet b'domanda limitata. Għalhekk jista' jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, b'kont meħud ta' fatturi tali bħan-numru u l-impatt fuq stabbilimenti eżistenti, infrastruttura tat-trasport, densità tal-popolazzjoni jew firxa ġeografika.

	Ir-riżervi nazzjonali addizzjonali jistgħu jinsabu fl-iskedi ta riżervi applikabbli AT, DE, ES, FI, FR, IT, LU, LV, MT, PT, SE u SI.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi kummerċjali oħra (servizz ta’ aġenzija ta' inkass, servizz ta' rapportar ta' kreditu)
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87901, CPC 87902
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** L-UE, bl-eċċezzjoni ta' ES u SE, tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta’ aġenzija ta' inkass u servizzi ta' rapportar ta' kreditu.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' kollokament ta' sostenn tal-persunal fl-uffiċċju u ħaddiema oħra Forniment ta' servizzi ta' persunal għal għajnuna domestika, ħaddiema kummerċjali jew industrijali oħra, infermiera u persunal ieħor
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87202, CPC 87204, CPC 87205, CPC 87206, CPC 87209
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi

Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi**
	L-UE, bl-eċċezzjoni ta' BE, HU u SE, tirriżerva d-dritt li tirrikjedi stabbiliment u li tipprojbixxi l-forniment transfruntier ta' servizzi ta' kollokament ta' tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju u ħaddiema oħra.
	L-UE, bl-eċċezzjoni ta' HU u SE, tirriżerva d-dritt li tadotta jew żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' kollokament ta' persunal għal għajnuna domestika, ħaddiema kummerċjali jew industrijali, infermieri u persunal ieħor.
	Ir-riżervi nazzjonali addizzjonali jistgħu jinsabu fl-iskedi ta riżervi applikabbli fi AT, BE, BG, CY, CZ, DE, EE, ES, FI, FR, IT, LT, LV, MT, PL, PT, RO, SI, u SK.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' investigazzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87301
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
	Trattament nazzjonali
	Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi**
	L-UE, bl-eċċezzjoni ta' AT u SE, tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' investigazzjoni. Hija mitluba preżenza residenzali jew kummerċjali u jistgħu jeżistu rekwiżiti ta' nazzjonalità.
	Ir-riżervi nazzjonali addizzjonali jistgħu jinsabu fl-iskedi ta riżervi applikabbli fil-LT u PT.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi kummerċjali Servizzi awżiljari għal trasport marittimu, passaġġi interni fuq l-ilma, trasport bil-ferrovija u bl-ajru.
Sottosettur:	Servizz ta' manutenzjoni u tiswija ta' bastimenti, tagħmir tat-trasport bil-ferrovija u bl-ajru u partijiet minnu
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 86764, CPC 86769, CPC 8868.
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** L-UE, bl-eċċezzjoni ta' DE, EE u HU, tirriżerva d-dritt li tadotta u żżomm kull miżura fir-rigward tal-ħtieġa ta' stabbiliment jew preżenza fiżika fit-territorju tagħha u l-projbizzjoni tal-forniment transfruntier ta' servizz ta' manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir tat-trasport bil-ferrovija barra mit-territorju tagħha. L-UE, bl-eċċezzjoni ta' CZ, EE, HU, LU u SK, tirriżerva d-dritt li tadotta u żżomm kull miżura fir-rigward tal-ħtieġa ta' stabbiliment jew preżenza fiżika fit-territorju tagħha u l-projbizzjoni tal-forniment transfruntier ta' servizz ta' manutenzjoni u tiswija ta' bastimenti ta' trasport ta' passaġġi interni fuq l-ilma barra mit-territorju tagħha. L-UE, bl-eċċezzjoni ta' EE, HU u LV, tirriżerva d-dritt li tadotta u żżomm kull miżura fir-rigward tal-ħtieġa ta' stabbiliment jew preżenza fiżika fit-territorju tagħha u l-projbizzjoni tal-forniment transfruntier ta' servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' bastimenti marittimi barra mit-territorju tagħha.

	Organizzazzjonijiet rikonoxxuti biss mhill-UE jistgħu jwettqu stħarriġ u ċertifikazzjoni ta' bastimenti f'isem l-Istati Membri tal-UE. L-istabbiliment jista' jintalab. L-UE, bl-eċċezzjoni ta' AT, EE, HU, LV, u PL, tirriżerva d-dritt li tadotta u żżomm kull miżura fir-rigward tal-ħtieġa ta' stabbiliment jew preżenza fiżika fit-territorju tagħha u l-projbizzjoni tal-forniment transfruntier ta' servizz ta' manutenzjoni (inkluż manutenzjoni tal-linja) u tiswija ta' ta' inġenji tal-ajru u parti minnhom barra mit-territorju tagħha.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi tal-komunikazzjoni
Sottosettur:	Servizzi tat-telekomunikazzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq - Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward ta' servizzi ta’ trażmissjoni mxandra bis-satellita. Ix-xandir huwa definit bħala katina mhux interrotta ta' trażmissjoni meħtieġa għad-distribuzzjoni ta' sinjali tat-televiżjoni u tar-radju lill-pubbliku ġenerali, iżda ma jkoprix links ta' kontribut bejn l-operaturi.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi rikreazzjonali, kulturali u sportivi
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 9619**,** CPC 963 , CPC 964 barra minn CPC 96492
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** L-UE, bl-eċċezzjoni ta' AT u SE, tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' librerija, arkivju, mużew u servizzi kulturali. Il-LT tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura li tirrikjedi l-istabbiliment ta' fornituri u li tirrestringi forniment transfruntier ta' dawn is-servizzi. Fi AT u LT, liċenzja jew konċessjoni tista' tintalab sabiex jiġu forniti dawn is-servizzi. CY, CZ, FI, MT, PL, RO, SI, u SK jirriżervaw id-dritt li jadottaw u jżommu kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' divertiment, inkluż servizzi ta' teatru, daqq live minn bands, ċirku u servizzi ta' diskoteka. Barra minn hekk, l-UE, bl-eċċezzjoni ta' AT u SE, tirriżerva d-dritt li tadotta u żżommu kull miżura li tirrikjedi stabbiliment u r-restrizzjoni tal-forniment transfruntier ta' servizzi ta' divertiment, inkluż servizzi ta' teatru, daqq live minn bands, ċirku u servizzi ta' diskoteka. BG jirriżerva d-dritt li jadotta jew li jżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi tas-servizzi ta' divertiment segwenti: ċirku, park tad-divertiment u servizzi simili ta' attrazzjoni, swali tal-ballu, diskoteka u servizzi ta' tagħlim ta' żfin u servizzi ta' divertiment oħra.

	EE tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi oħra ta' divertiment barra minn servizzi tas-swali taċ-ċinema: LT u LV jirriżervaw id-dritt li jaddottaw jew li jżommu kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi oħra ta' divertiment barra minn servizzi tas-swali taċ-ċinema. BG, CY, CZ, EE, LV, MT, PL, RO, u SK jirriżervaw id-dritt li jadottaw jew iżommu kull miżura fir-rigward tal-forniment transfruntier ta' servizzi sportivi u rikreazzjonali oħra. AT tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' gwida tal-muntanji jew skola tal-iskkijjar.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi rikreazzjonali, kulturali u sportivi
Sottosettur:	Servizzi ta' logħob tal-azzard u tal-imħatar
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 96492
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi

Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** L-UE, bl-eċċezzjoni ta' MT, tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' attivitajiet ta' logħob tal-azzard, li tinvolvi mħatri b'valur fi flus f'logħob ta' fortuna, inkluż b'mod partikolari l-lotteriji, scratch-cards, servizzi ta' logħob tal-azzard offerti fil-każinojiet, arcades tal-logħob tal-azzard jew postijiet b'liċenzja, servizzi tal-imħatar, tal-bingo u tal-logħob tal-azzard operati minn u għall-benefiċċju ta' organizzazzjonijiet tal-karita jew organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ. Din ir-riżerva ma tapplikax għal logħob tal-ħila, makkinarju tal-logħob tal-azzard li ma jagħtix premji jew li jagħti premji biss fil-forma ta' logħob b'xejn, u logħob promozzjonali, li l-iskop esklussiv tiegħu huwa li jinkoraġixxi l-bejgħ ta' prodotti jew servizzi li mhumiex koperti b'din l-esklużjoni.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi edukattivi
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 92
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi

Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi**
	L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi edukattivi kollha li jirċievu finanzjament pubbliku jew sostenn mill-Istat f'kull forma, u għalhekk mhumiex meqjusa bħala li huma ffinanzjati privatament. L-UE, bl-eċċezzjoni ta' CZ, NL, SE u SK, tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi edukattivi li mhumiex iffinanzjati privatament, li jfisser barra minn dawk ikklassifikati bħala servizzi ta' edukazzjoni primarja, sekondarja, għolja u għall-adulti. Fejn huwa permess il-forniment ta' servizzi edukattivi ffinanzjati privatament minn fornitur barrani, il-parteċipazzjoni ta' operaturi privati fis-sistema edukattiva tista' tkun suġġetta għal konċessjonijiet allokati fuq bażi mhux diskriminatorja. Ir-riżervi nazzjonali addizzjonali jistgħu jinsabu fl-iskedi ta' riżervi applikabbli f'AT, BG, CY, CZ, FI, FR, IT, MT, RO, SE, SI, u SK.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi tas-saħħa u servizzi soċjali
Sottosettur:	Servizzi tas-saħħa tal-bniedem Servizzi soċjali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 931 apparti minn 9312, parti minn 93191
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali

Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** L-UE, bl-eċċezzjoni ta' HU, tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura li tirrikjedi l-istabbiliment jew preżenza fiżika fit-territorju tagħha ta' fornituri u li tirrestringi l-forniment transfruntier ta' servizzi tas-saħħa barra mit-territorju tagħhom. L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura li tirrikjedi l-istabbiliment jew il-preżenza fiżika fit-territorju ta' fornituri tagħha u li tirrestringi l-forniment transfruntier ta' servizzi soċjali barra mit-territorju tagħha, kif ukoll fir-rigward ta' attivitajiet jew servizzi li jagħmlu parti minn pjan ta' irtirar pubbliku jew sistema statutorja ta' sigurtà soċjali. Din ir-riżerva ma tirrigwardax il-forniment tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa pprovduti minn professjonisti bħal tobba mediċi, dentisti, qbiela, infermiera, fiżjoterapisti, paramediċi u psikologi, li huma koperti b'riżervi oħra.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 931 apparti minn 9312, parti minn CPC 93191
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi

Deskrizzjoni:	**Investiment**
	L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi tas-saħħa kollha li jirċievu finanzjament pubbliku jew sostenn mill-Istat f'kull forma, u għalhekk mhumiex meqjusa bħala li huma ffinanzjati privatament.
	L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi tas-saħħa kollha li huma ffinanzjati privatament, apparti minn sptar finanzjat privatament, ambulanza u servizzi ta' faċilitajiet ta' saħħa residenzjali apparti minn servizzi ta' sptar.
	Il-parteċipazzjoni ta' operaturi privati fin-netwerk tas-saħħa ffinanzjat privatament tista' tkun suġġetta għal konċessjoni fuq bażi mhux diskriminatorja. Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi jista' jkun applikabbli. Kriterji ewlenin: in-numru ta' u l-impatt fuq stabbilimenti eżistenti, infrastruttura tat-trasport, densità tal-popolazzjoni, firxa ġeografika u ħolqien tax-xogħol ġdid.
	Din ir-riżerva ma tirrigwardax il-forniment tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa forniti minn professjonisti bħal tobba mediċi, dentisti, qbiela, infermiera, fiżjoterapisti, paramediċi u psikologi, li huma koperti b'riżervi oħra.
	Ir-riżervi nazzjonali addizzjonali jistgħu jinsabu fl-iskedi ta' riżervi applikabbli f'AT, BE, BG, CY, CZ, FI, FR, MT, PL, SI, SK u UK.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	Servizzi professjonali tas-saħħa servizzi mediċi u dentali, servizzi ta' qabla, infermiera, servizzi psikoterapewtiċi, paramediċi u psikologi

Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 9312, parti minn CPC 93191
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Fl-UE. bl-eċċezzjoni ta' BE, FI, NL u SE, il-forniment tas-servizzi professjonali tas-saħħa, inkluż is-servizzi pprovduti minn professjonisti bħal tobba mediċi, dentisti, qbiela, infermiera, fiżjoterapisti, paramediċi u psikologi jirrikjedi residenza. Dawn is-servizzi jistgħu jiġu pprovduti biss minn persuna fiżiċi fiżikament preżenti fit-territorju tal-UE. Ir-riżervi nazzjonali addizzjonali jistgħu jinsabu fl-iskedi ta' riżervi applikabbli f'AT, BE, BG, FI, FR, MT, SK u UK.
Miżuri Eżistenti:	Ebda
Settur:	Servizzi soċjali
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi soċjali kollha li jirċievu finanzjament pubbliku jew sostenn mill-Istat f'kull forma, u għalhekk mhumiex meqjusa bħala li huma ffinanzjati privatament, u fir-rigward ta' attivitajiet jew servizzi li jifformaw parti minn pjan pubbliku ta' irtirar jew sistema statutorja ta' sigurtà soċjali.

	Il-parteċipazzjoni ta' operaturi privati fin-netwerk soċjali ffinanzjat privatament tista' tkun suġġetta għal konċessjoni fuq bażi mhux diskriminatorja. Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi jista' jkun applikabbli. Kriterji ewlenin: in-numru ta' u l-impatt fuq stabbilimenti eżistenti, infrastruttura tat-trasport, densità tal-popolazzjoni, firxa ġeografika u ħolqien tax-xogħol ġdid. Ir-riżervi nazzjonali addizzjonali jistgħu jinsabu fl-iskedi ta riżervi applikabbli fil-BE, CY, CZ, DE, DK, EL, ES, FI, FR, HU, IE, IT, LT, MT, PL, PT, RO, SI, SK, u UK.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Servizzi finanzjarji** L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura li tirrikjedi istituzzjoni finanzjarja, barra minn fergħa, meta tistabbilixxi ruħha fi Stat Membru tal-UE li tadotta forma ġuridika speċifika, fuq bażi mhux diskriminatorja.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u finanzjarji oħra (bl-eċċezzjoni ta' assigurazzjoni)
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	

Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji
Deskrizzjoni:	**Servizzi finanzjarji** Huma biss l-impriżi li għandhom l-uffiċċju rreġistrat fl-UE li jistgħu jaġġixxu bħala depożitanti tal-assijiet ta' fondi ta' investiment. L-istabbiliment ta' kumpanija ta' maniġment speċjalizzata, li għandha l-uffiċċju prinċipali u l-uffiċċju reġistrat fl-istess Stat Membru tal-UE, huwa rikjest biex jitwettqu l-attivitajiet ta' maniġment ta' fondi komuni, inklużi unit trusts, u fejn permess skont il-liġi nazzjonali, kumpaniji tal-investiment.
Miżuri Eżistenti:	Id-Direttiva tal-Kunsill tal-20 ta’ Diċembru 1985 dwar il-koordinazzjoni ta’ liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw għal impriżi ta’ investiment kollettiv f’titoli trasferibbli (UCITS)
Settur:	Trasport bl-ajru
Sottosettur:	Servizzi awżiljarji għat-trasport bl-ajru
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit

Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta u żżomm kull miżura li tagħti trattament differenzjali għal pajjiż terz abbażi ta' ftehimiet bilaterali eżistenti jew futuri li jirrigwardaw s-servizzi Awżiljarji tat-trasport bl-ajru segwenti: (a) il-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni ta' servizzi tat-trasport bl-ajru; (b) servizzi ta' sistema ta' riżervazzjoni kompjuterizzata (CRS); u (c) servizzi awżiljarji għat-trasport bl-ajru, bħal servizzi ta' groundhandling u servizzi ta' tħaddim ta' ajruport. Fir-rigward ta' manutenzjoni u tiswija ta' inġenji tal-ajru u parts, l-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura li tagħti trattament differenzjali lil pajjiż terz skont ftehimiet eżistenti jew futuri ta' kummerċ skont l-Artikolu V tal-GATS.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Trasport bl-ajru
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi Rekwiżiti ta' prestazzjoni Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit

Deskrizzjoni:	**Investiment**
	L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura relatata mas-servizzi tal-ajru, jew servizzi relatati f'sostenn ta' servizzi tal-ajru u servizzi oħra pprovduti permezz tat-trasport tal-ajru barra mis-servizzi stabbiliti fl-Artikolu 8.2.2(a) (i) sa (v), fir-rigward tal-istabbiliment, l-akkwist jew l-espansjoni ta' investiment kopert, sal-punt li t-tali miżuri mhumiex eskluży mill-ambitu tat-Taqsimiet B u C tal-Kapitolu Tmienja (L-Investiment).
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Trasport
Sottosettur:	Trasport bl-ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 0501, ISIC rev 3.1 0502, CPC 5133, CPC 5223, CPC 722, CPC 74520, CPC 74540, CPC 74590, CPC 882
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Maniġment superjuri u bord tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment**
	L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward tar-reġistrazzjoni ta' bastiment mhux tal-baħar sabiex ikun jista' jtajjar il-bandiera nazzjonali ta' Stat Membru tal-UE, u fir-rigward tal-istabbiliment ta' kumpanija reġistrata għall-iskopijiet ta' tħaddim ta' flotta taħt il-bandiera nazzjonali tal-Istat ta' stabbiliment. Din ir-riżerva tirrigwarda, fost elementi oħra, rekwiżiti għal inkorporazzjoni jew żamma ta' uffiċċju prinċipali fl-Istat Membru tal-UE kkonċernat, kif ukoll rekwiżiti dwar r-responsabbiltà ta' kapital u kontroll.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Trasport
Sottosettur:	Trasport bl-ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 5133 CPC 5223,CPC 721,CPC 722,CPC 74520, CPC 74540, CPC 74590 Kull attività kummerċjali oħra mwettqa minn bastiment
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Maniġment superjuri u bord tad-diretturi Obbligi
Deskrizzjoni:	**Investiment, Negozju Transfruntier ta' Servizzi u Servizzi ta' Trasport Marittimu Internazzjonali** L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward tan-nazzjonalità tal-ekwipaġġ ta' bastiment tal-baħar jew bastiment mhux tal-baħar.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Trasport
Sottosettur:	Trasport bl-ilma Servizzi ta' sostenn għal trasport bl-ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 72, CPC 745
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit Obbligi

Deskrizzjoni:	**Investiment, Negozju Transfruntier ta' Servizzi u Servizzi ta' Trasport Marittimu Internazzjonali** L-UE trriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tat-trasport nazzjonali ta' kabotaġġ. Mingħajr preġudizzju għall-ambitu tal-attivitajiet li jistgħu jitqiesu bħala kabotaġġ skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti, it-trasport nazzjonali ta' kabotaġġ huwa preżunt li jkopri t-trasport ta' passiġġieri jew prodotti bejn port jew punt ta' lokalizzazzjoni fi Stat Membru tal-UE u port jew pont ieħor li jinsab fl-istess Stat Membru tal-UE, inkluż fuq il-blata kontinentali kif previst fil-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar, u traffiku li joriġina jew jittermina fl-istess port jew punt li jinsab fi Stat Membru tal-UE. Għal aktar ċertezza, din ir-riżerva tapplikla *inter alia* għal servizzi għat-twassil ta' merkanzija. Din ir-riżerva ma tapplikax għal kumpaniji marittimi tal-Kanada li jippożizzjonaw mill-ġdid kontejners mixtrija jew mikrija fuq bażi ta' ebda dħul.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Trasport
Sottosettur:	Trasport bl-ilma: servizzi ta' pilotaġġ jew għall-irmiġġ, ta’ ġbid u rmunkar
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7214, CPC 7224, CPC 7452
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi

Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** L-UE trriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' pilotaġġ jew għall-irmiġġ. Għal aktar kjarifika, irrispettivament mill-kriterji li jistgħu japplikaw għar-reġistrazzjoni ta' bastimenti fi Stat Membru tal-UE, l-UE tirriżerva d-dritt li tirrikjedi li l-bastimenti biss irreġistrati fir-reġistri nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE jistgħu jipprovdu servizzi ta' pilotaġġ u irmiġġ. Għall-UE, bl-eċċezzjoni ta' LT u LV, bastimenti biss li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-UE jistgħu jipprovdu servizzi ta' ġbid u rmunkar. Għal LT, persuni ġuridiċi biss tal-Litwanja jew persuni ġuridiċi ta' Stat Membru tal-UE b'fergħat fil-Litwanja li għandhom Ċertifikat maħruġ mill-Amministrazzjoni Litwana ta' Sigurtà Marittima tista' tipprovdi servizzi ta' pilotaġġ u irmiġġ, ġbid u rmunkar.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Trasport
Sottosettur:	Trasport bl-ilma intern
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 722
Tip ta' Riżerva:	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura li tagħti trattament differenzjali lil pajjiż terz skont ftehimiet eżistenti jew futuri dwar l-aċċess għal passaġġi fuq l-ilma intern (inkluż ftehimiet wara l-konnessjoni Rhine-Main-Danube), li jirriżervaw xi drittijiet tat-traffiku għall-operaturi bbażati fil-pajjiżi kkonċernati u li jissodisfaw il-kriterji ta’ nazzjonalità dwar sjieda.

Bla ħsara għar-regolamenti li jimplimentaw il-Konvenzjoni ta' Mannheim dwar Tbaħħir fir-Rhine. Din il-parti tar-riżerva tapplika biss għall-Istati Membri tal-UE li ġejjin: BE, FR, DE, FR u NL.

Miżuri Eżistenti:

Settur:	Trasport
Sottosettur:	Trasport bit-triq trasport tal-passiġġieri, trasport tal-merkanzija, servizzi ta' trasport internazzjonali bit-trakkijiet
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 712
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** L-UE tirriżerva d-dritt li tirrikjedi stabbiliment u li tillimita l-forniment transfruntier ta' servizzi tat-trasport bit-triq. L-UE tirriżerva d-dritt li tadatta jew iżżomm miżuri li jillimitaw il-forniment ta' kabotaġġ fi ħdan Stat Membru tal-UE minn investituri barranin stabbiliti fi Stat Membru ieħor tal-UE. Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi jista' japplika għal servizzi bit-taksi fl-UE bl-eċċezzjoni ta' BE. It-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, meta applikat, jistabbilixxi limitu fuq in-numru ta' fornituri ta' servizzi. Kriterji ewlenin: Id-domanda lokali kif prevista fil-liġijiet applikabbli. Għal trasport bit-triq tal-passiġġieri u trasport ta' merkanzija, ir-riżervi nazzjonali addizzjonali jistgħu jinsabu fl-iskedi ta riżervi applikabbli AT, BE, BG, ES, FI, FR, IE, IT, LT, LV, MT, PT, RO, SE, u SK.

Miżuri Eżistenti:	Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 561/2006
Settur:	Trasport
Sottosettur:	Trasport bit-triq u bil-ferrovija
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7111, CPC 7112, CPC 7121, CPC 7122, CPC 7123
Tip ta' Riżerva:	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura li tagħti trattament differenzjali lil pajjiż skont ftehimiet bilaterali eżistenti jew futuri dwar trasport tal-merkanzija bit-triq (inkluż trasport ikkombinat - bit-triq jew bil-ferrovija) u trasport tal-passiġġieri, konkluża bejn l-UE jew l-Istati Membri tal-UE u pajjiż terz.

Dan it-trattament jista':

(a) jirriżerva jew jillimita l-forniment tas-servizzi ta' trasport rilevanti bejn il-partijiet kontraenti jew fit-territorju tal-partijiet kontraenti għal vetturi reġistrati f'kull parti kontraenti[1]; jew

(b) jipprovdi għal eżenzjonijiet mit-taxxa għat-tali vetturi.

Miżuri Eżistenti:

Settur:	Trasport
Sottosettur:	Trasport tal-ajru Kiri ta' inġenji tal-ispazju
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 733, parti minn CPC 734
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tas-servizzi ta' trasport fl-ispazju u l-kiri ta' inġenji tal-ispazju.

Miżuri Eżistenti:

[1] Fir-rigward tal-Awstrija, il-parti tal-eżenzjoni tat-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit dwar id-drittijiet tat-traffiku tkopri l-pajjiżi kollha li magħhom jeżistu jew jistgħu jiġu meqjusa fil-futur ftehimiet bilaterali dwar trasport bit-triq jew arranġamenti oħra dwar trasport bit-triq.

Settur:	Enerġija
Sottosettur:	Sistemi ta’ trażmissjoni ta' elettriku u gass Trasport mill-pajpijiet taż-żejt u tal-gass
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 401, 402, CPC 7131**,** CPC 887 (apparti servizzi ta' pariri u ta' konsultazzjoni)
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** Fejn Stat Membru tal-UE jippermetti sjieda barranija ta' sistema ta’ trażmissjoni tal-gass jew l-elettriku, jew sistema ta' trasport mill-pajpijiet taż-żejt u tal-gass, l-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward ta' impriżi fil-Kanada kkontrollati minn persuni fiżiċi jew impriżi ta' pajjiż terz li jgħoddu għal aktar minn 5 fil-mija tal-importazzjonijiet taż-żejt jew tal-gass naturali jew tal-elettriku tal-UE, sabiex tiġi ggarantita s-sigurtà tal-forniment tal-enerġija tal-UE kollha kemm hi, jew ta' Stat Membru individwali tal-UE. Din ir-riżerva ma tapplikax għal servizzi ta' pariri u ta' konsultazzjoni previsti bħala servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija. Din ir-riżerva ma tapplikax għal HU u LT (għal LT, CPC 7131 biss) fir-rigward tat-trasport mill-pajpiet ta' żjut, la għal LV fir-rigward ta' servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija u lanqas għal SI fir-rigward ta' servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-gass. Ir-riżervi nazzjonali addizzjonali jistgħu jinsabu fl-iskedi ta' riżervi applikabbli f'BE, BG, CY, FI, FR, HU, LT, NL, PT, SI u SK.

Miżuri Eżistenti:	Id-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE

Riżervi applikabbli fl-Awstrija

Settur:	Manifattura tal-forniment ta' fjuwil nukleari, elettriku, tal-gass u l-ilma
Sottosettur:	Ġenerazzjoni tal-elettriku bbażata fuq in-nukleari, l-ipproċessar ta' materjal u fjuwil nukleari, trasport u l-ipproċessar ta' materja nukleari
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 233, ISIC rev 3.1 40
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** L-Awstrija tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward ta' proċessar, distribuzzjoni u trasport ta' materjal nukleari u l-ġenerazzjoni ta' enerġija bbażata fuq in-nukleari.
Miżuri Eżistenti:	Bundesverfassungsgesetz für ein atomfreies Österreich (Liġi Kostituzzjonali fuq l-Awstrija Meħlusa min-Nukleari), BGBl. I Nr. 149/1999

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' kollokament ta' sostenn tal-persunal fl-uffiċċju u ħaddiema oħra Servizzi ta' forniment ta' sostenn tal-persunal fl-uffiċċju
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87202, CPC 87203
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi

Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** L-Awstrija tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' persunal ta' sostenn fl-uffiċċju, u l-istabbiliment ta' fornituri ta' servizzi ta' kollokament ta' persunal ta' sostenn u ħaddiema oħra.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi edukattivi
Sottosettur:	Servizzi ta' edukazzjoni għolja Servizzi ta' edukazzjoni għall-adulti
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 923, CPC 924
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** L-Awstrija tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' edukazzjoni għolja ffinanzjati privatament. L-Awstrija tirriżerva d-dritt li tipprojbixxi l-forniment transfruntier ta' servizzi edukattivi għall-adulti ffinanzjati privatament permezz ta' xandir bir-radju jew televiżiv.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	Servizzi tal-ambulanza
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 93192

Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-Awstrija tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi tal-ambulanza ffinanzjati privatament.
Miżuri Eżistenti:	

Riżervi applikabbli fil-Belġju

Settur:	Sajd Akkwakultura Serviżżi inċidentali għas-sajd
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 0501, ISIC rev 882 40
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Liċenzja tas-sajd hija obbligatorja għat-twettiq ta' attività tas-sajd marittimu fil-Belġju. Is-sid ta' bastiment li għandu liċenzja tas-sajd jkun persuna ġuridika jew persuna fiżika. Il-persuna fiżika trid tkun residenti fil-Belġju meta tapplika għal liċenzja tas-sajd. Il-persuna ġuridika trid tkun impriża domestika u l-maniġers tal-impriża domestika jridu jkunu attivi fis-sajd u jkunu residenti tal-Belġju meta japplikaw għal liċenzja tas-sajd.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' sigurtà
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87302, CPC 87303, CPC 87304, CPC 87305, CPC 87309

Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-forniment ta' servizzi ta' sigurtà minn fornitur barrani fuq bażi transfruntier mhuwiex permess. Ir-rekwiżit tan-nazzjonalità ta' Stat Membru tal-UE għal membri tal-bordijiet tad-diretturi ta' kumpaniji li jipprovdu servizzi ta' għassa u ta' sigurtà, kif ukoll konsultazzjoni u taħriġ dwar servizzi ta' sigurtà. Il-maniġment superjuri ta' kumpaniji li jfornixxu servizzi ta' konsultazzjoni dwar l-għassa u s-sigurtà huwa rikjest li jkun kompost minn ċittadini residenti ta' Stat Membru tal-UE.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Distribuzzjoni
Sottosettur:	Bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċinali u ortopediċi.
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 63211
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-bejgħ bil-korrispondenza huwa awtorizzat biss għal spiżeriji miftuħa għall-pubbliku, u b'hekk l-istabbiliment fil-Belġju huwa rikjest għall-bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċinali
Miżuri Eżistenti:	Arrêté royal du 21 janvier 2009 portant instructions pour les pharmaciens Arrêté royal du 10 novembre 1967 relatif à l’exercice des professions des soins de santé

Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	Servizzi tal-ambulanza Servizzi residenzjali tas-saħħa apparti servizzi fi sptar
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 93192, CPC 93193
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-Belġju jirriżerva d-dritt li jadotta jew li jżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi tal-ambulanza u servizzi tas-saħħa residenzjali ffinanzjati privatament barra minn servizzi ta' sptar.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	Servizzi professjonali tas-saħħa servizzi mediċi u dentali, servizzi ta' qabla, infermiera, servizzi psikoterapewtiċi, paramediċi, psikologi u veterinarji
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 85201, CPC 9312, parti minn CPC 93191, CPC932
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali

Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Belġju jirriżerva d-dritt li jadotta jew li jżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment transfruntier ta' servizzi mediċi, dentali u servizzi ta' qbiela u servizzi pprovduti minn infermiera, fiżjoterapisti u persunal paramediku u servizzi veterinarji.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi soċjali
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 933
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-Belġju jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi soċjali ffinanzjati privatament barra minn servizzi relatati mad-Djar ta' Konvalexxenza u Mistrieħ u d-Djar għall-Anzjani.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Trasport
Sottosettur:	Servizzi ta' immaniġġar tal-merkanzija
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 741

Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Is-servizzi ta' immaniġġar tal-merkanzija jistgħu jkunu operati biss minn ħaddiema akkreditati, li huma eliġibbli biex jaħdmu f'żoni portwali msemmija permezz ta' digriet amministrattiv.
Miżuri Eżistenti:	Loi du 8 juin 1972 organisant le travail portuaire. Arrêté royal du 12 janvier 1973 instituant une Commission paritaire des ports et fixant sa dénomination et sa compétence Arrêté royal du 4 septembre 1985 portant agrément d'une organisation d'employeur (Anvers) Arrêté royal du 29 janvier 1986 portant agrément d'une organisation d'employeur (Gand) Arrêté royal du 10 juillet 1986 portant agrément d'une organisation d'employeur (Zeebrugge) Arrêté royal du 1er mars 1989 portant agrément d'une organisation d'employeur (Ostende) Arrêté royal du 5 juillet 2004 relatif à la reconnaissance des ouvriers portuaires dans les zones portuaires tombant dans le champ d'application de la loi du 8 juin 1972 organisant le travail portuaire, tel que modifié.
Settur:	Trasport
Sottosettur:	Trasport bit-triq
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 71221
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq

Deskrizzjoni:	**Investiment**
	Il-Belġju jirriżerva d-dritt li jirrestringi d-disponibbiltà ta' liċenzji għall-forniment ta' servizzi tat-taksi. Għar-Reġjun tal-Kapitali ta' Brussell Huwa stabbilit numru massimu ta' liċenzji bil-liġi. Għar-Reġjun Fjamming: Huwa stabbilit numru ta' taksis *per capita* bil-liġi. Dan in-numru jista' jiġi aġġustat, f'liem każ jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: grad ta' urbanizzazzjoni, rata ta' okkupanza medja ta' taksis eżistenti. Għar-Reġjun ta' Walloon: Huwa stabbilit numru ta' taksis *per capita* bil-liġi. Dan in-numru jista' jiġi aġġustat, f'liem każ jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: rata ta' okkupanza medja ta' taksis eżistenti.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Enerġija
Sottosettur:	Produzzjoni tal-elettriku
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 4010
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment**
	Awtorizzazzjoni individwali għall-produzzjoni ta' elettriku ta' kapaċità ta' 25 MW jirrikjedi stabbiliment fl-UE, jew fi Stat ieħor li għandu reġim simili għal dak infurzat mid-Direttiva 96/92/KE fis-seħħ, u fejn kumpanija għandha rabta effettiva u kontinwa mal-ekonomija.

	Il-produzzjoni lil hinn mill-kosta ta' elettriku fi ħdan it-territorju lil hinn mill-kosta tal-Belġju hija suġġetta għal konċessjoni u obbligu ta' impriża konġunta ma' kumpanija minn Stat Membru tal-UE, jew kumpanija barranija minn pajjiż li għandu reġim simili għal dak tad-Direttiva 2003/54/KE, b'mod partikolari fir-rigward ta' kundizzjonijiet dwar l-awtorizzazzjoni u l-għażla. Barra minn hekk, jeħtieġ li l-kumpanija jkollha l-amministrazzjoni ċentrali jew l-uffiċċju reġistrat tagħha fi Stat Membru tal-UE jew pajjiż li jissodisfa l-kriterji msemmija hawn fuq, fejn għandha rabta effettiva u kontinwa mal-ekonomija. Il-kostruzzjoni ta' linji ta' potenza elettrika li jsenslu l-produzzjoni lil hinn mill-kosta man-netwerk ta’ trażmissjoni ta' Elia tirrikjedi awtorizzazzjoni u l-kumpanija trid tissodisfa l-kundizzjonijiet speċifikati preċedentement, bl-eċċezzjoni tar-rekwiżit ta' impriża konġunta.
Miżuri Eżistenti:	Arrêté Royal du 11 octobre 2000 fixant les critères et la procédure d'octroi des autorisations individuelles préalables à la construction de lignes directes Arrêté Royal du 20 décembre 2000 relatif aux conditions et à la procédure d'octroi des concessions domaniales pour la construction et l'exploitation d'installations de production d'électricité à partir de l'eau, des courants ou des vents, dans les espaces marins sur lesquels la Belgique peut exercer sa juridiction conformément au droit international de la mer Arrêté Royal du 12 mars 2002 relatif aux modalités de pose de câbles d'énergie électrique qui pénètrent dans la mer territoriale ou dans le territoire national ou qui sont installés ou utilisés dans le cadre de l'exploration du plateau continental, de l'exploitation des ressources minérales et autres ressources non vivantes ou de l'exploitation d'îles artificielles, d'installations ou d'ouvrages relevant de la juridiction belge

Settur:	Enerġija
Sottosettur:	Servizzi ta' trażmissjoni tal-enerġija u servizzi ta' ħżin bl-ingrossa ta' gass
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 4010, CPC 71310, parti minn CPC 742, CPC 887 (barra minn servizzi ta' konsultazzjoni)
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Belġju jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kull miżura relatata mat-tipi ta' entitajiet legali u għat-trattament ta' operaturi pubbliċi jew privati li għalihom il-Belġju ta drittijiet esklussivi. L-istabbiliment huwa rikjest fi ħdan l-UE għal servizzi ta' trażmissjoni tal-enerġija u servizzi ta' ħżin bl-ingrossa ta' gass.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Enerġija
Sottosettur:	Servizzi għat-trażmissjoni tal-enerġija u servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 887 (barra minn servizzi ta' konsultazzjoni)
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Belġju jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kull miżura relatata ma' servizzi għat-trażmissjoni tal-enerġija u servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Enerġija
Sottosettur:	Trasport permezz bil-pajpline tal-fjuwil
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7131
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** It-trasport bil-pajpline ta' gass naturali u fjuwil ieħor huwa suġġett għal rekwiżit ta' awtorizzazzjoni. Tista' tingħata awtorizzazzjoni biss lil persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fi Stat Membru tal-UE (skont l-Art. 3 tal-AR tal-14 ta' Mejju 2002). Fejn l-awtorizzazzjoni hija rikjesta minn kumpanija allura: (a) il-kumpanija trid tkun stabbilita skont il-liġi Belġjana, jew il-liġi ta' Stat Membru ieħor tal-UE, jew il-liġi ta' pajjiż terz, li ħa impenji sabiex iżomm qafas regolatorju simili għar-rekwiżiti komuni speċifikati fid-Direttiva 98/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tirrigwarda regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali; u (b) il-kumpanija trid iżżomm l-uffiċċju prinċipali tagħha, l-istabbiliment prinċipali jew l-uffiċċju reġistrat fi ħdan Stat Membru tal-UE, jew pajjiż terz, li ħa impenji sabiex iżomm qafas regolatorju simili għar-rekwiżiti komuni speċifikati fid-Direttiva 98/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tirrigwarda regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali, sakemm l-attività ta' dan l-istabbiliment jew l-uffiċċju reġistrat jirrapreżenta rabta effettiva u kontinwa mal-ekonomija tal-pajjiż ikkonċernat.
Miżuri Eżistenti:	Arrêté Royal du 14 mai 2002 relatif à l'autorisation de transport de produits gazeux et autres par canalisations.

Settur:	Enerġija
Sottosettur:	Servizzi bl-ingrossa ta' elettriku u gass
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 62271
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Awtorizzazzjoni hija meħtieġa għall-forniment tal-elettriku permezz ta' intermedjarju li għandu klijenti stabbiliti fil-Belġju li huma konnessi mas-sistema tal-grilja nazzjonali jew ma' linja dritta li l-voltaġġ nominali huwa ogħla minn 70,000 volt. It-tali awtorizzazzjoni tista' tingħata biss lil persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fiż-ŻEE. B'mod ġenerali, il-forniment ta' gass naturali lil klijenti (klijenti li huma kemm kumpaniji ta' distribuzzjoni u ta' konsumaturi li l-konsum ġenerali tagħhom tal-gass li jirriżulta mill-punti tal-forniment jilħaq livell minimu ta' miljun metru kubu kull sena) stabbilit fil-Belġju huwa suġġett għal awtorizzazzjoni individwali pprovduta mill-ministeru, barra minn meta l-fornitur hija kumpanija ta' distribuzzjoni li qedha tuża n-netwerk ta' distribuzzjoni tagħha stess. It-tali awtorizzazzjoni tista' tingħata biss lil persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fi Stat Membru tal-UE.
Miżuri Eżistenti:	Arrêté royal relatif du 2 avril 2003aux autorisations de fourniture d'électricité par des intermédiaires et aux règles de conduite applicables à ceux-ci Arrêté royal du 12 juin 2001 relatif aux conditions générales de fourniture de gaz naturel et aux conditions d'octroi des autorisations de fourniture de gaz naturel

Settur:	Enerġija
Sottosettur:	Enerġija nukleari
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 233, ISIC rev 3.1 40
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Belġju jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kull miżura fir-rigward tal-produzzjoni, l-ipproċessar jew it-trasport ta' materjal nukleari u l-ġenerazzjoni ta' enerġija bbażata fuq in-nukleari.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Estrazzjoni u xogħol fil-barrieri, manifattura u enerġija
Sottosettur:	Estrazzjoni u xogħol fil-barrieri, manifattura ta' prodotti rfinati ta' petroleum u fjuwil nukleari, elettriku, gass u forniment ta' ilma jaħraq.
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 10, ISIC rev 3.11110, ISIC rev 3.1 13, ISIC rev 3.1 14, ISIC rev 3.1 232, parti minn ISIC rev 3.1 4010, parti minn ISIC rev 3.1 4020, parti minn ISIC rev 3.1 4030
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Investiment** Bl-eċċezzjoni tal-estrazzjoni ta' metalli mhux maħdumin u estrazzjoni u xogħol fil-barrieri ieħor, l-impriżi tal-Kanada kkontrollati minn persuni fiżiċi jew impriżi ta' pajjiż terz li tgħodd għal aktar minn ħamsa fil-mija tal-importazzjonijiet taż-żejt jew tal-gass naturali jew tal-elettriku jistgħu jiġu pprojbiti milli jiksbu kontroll tal-attività. L-inklużjoni hija mitluba (ma jistax ikun hemm frid).
Miżuri Eżistenti:	

Riżervi applikabbli fil-Bulgarija

Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	Akkwist ta' proprjetà immobbli
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Investiment** Persuni fiżiċi barranin u persuni ġuridiċi barranin (inkluż permezz ta' fergħa) ma jistgħux jiksbu s-sjieda ta' art fil-Bulgarija. Il-persuni ġuridiċi tal-Bulgarija b'parteċipazzjoni barranija ma jistgħux jiksbu sjieda ta' art agrikola. Il-persuni ġuridiċi barranin u ċ-ċittadini barranin b'residenza permanenti barra mill-pajjiż jistgħu jiksbu sjieda ta' bini u drittijiet limitati fuq proprjetà immobbli (id-dritt għall-użu, id-dritt għall-bini, id-dritt li tittella' sovrastruttura u s-servitujiet) ta' proprjetà immobbli. Ċittadini barranin b'residenza permanenti barra mill-pajjiż, persuni ġuridiċi u kumpaniji li fihom il-parteċipazzjoni barranija tiżgura maġġoranza fl-adozzjoni ta' deċiżjonijiet jew fl-ibblokkjar tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet, jistgħu jiksbu drittijiet fuq proprjetà immobbli f'reġjuni ġeografiċi speċifiċi indikati mill-Kunsill tal-Ministri suġġett għal permess.
Miżuri Eżistenti:	Il-Konstituzzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, art. 22 Il-Liġi dwar is-Sjieda u l-Użu tal-Art Agrikola, art. 3 Il-Liġi dwar il-Foresti, art. 10

Settur:	Is-setturi kollha barra minn estrazzjoni u xogħol fil-barrieri
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	

Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi dwar il-Proprjetà tal-Istat L-Att dwar il-Konċessjonijiet Il-Liġi dwar il-Privatizzazzjoni u l-Kontroll Wara l-Privatizzazzjoni
Deskrizzjoni:	**Investiment** Uħud mill-attivitajiet ekonomiċi relatati mal-użu ta' proprjetà tal-Istat jew pubblika huma suġġetti għal konċessjonijiet mogħtija skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Konċessjonijiet. Il-korporazzjonijiet kummerċjali li fihom l-Istat jew muniċipalità għandu sehem fil-kapital li jeċċedi l-50 fil-mija, ma jistgħux jeffettwaw xi tranżazzjonijiet għad-dispożizzjoni tal-assi fissi tal-korporazzjoni, biex jikkonkludu xi kuntratti għal akkwist ta' parteċipazzjoni, kiri, attività konġunta, kreditu, garanzija ta' ammonti li jridu jitħallsu, kif ukoll li jieħdu xi obbligi li jirriżultaw minn kambjali, sakemm dan ma jkunx permess mill-Aġenzija ta' Privatizzazzjoni jew il-kunsill muniċipali, skont liema minnhom tkun l-awtorità kompetenti. Din ir-riżerva ma tapplikax għal estrazzjoni u xogħol fil-barrieri, li huma suġġetti għal riżerva separata fl-Anness I.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Sajd Akkwakultura Serviżżi inċidentali għas-sajd
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 0501, ISIC rev 3.1 0502, CPC 882

Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** It-trasport ta' riżorsi tal-baħar u tax-xmara, imwettaq minn bastimenti fl-ilma marin intern, il-baħar territorjali u fl-ilma navigabbli intern fil-Bulgarija, jitwettaq minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Bulgarija. Bastiment barrani ma jistax jipparteċipa f'sajd kummerċjali fiż-żona ekonomika esklussiva ħlief abbażi ta' ftehim bejn il-Bulgarija u l-istat tal-bandiera. Meta jgħaddu fiż-żona ekonomika esklussiva, il-bastimenti tas-sajd barranin ma jistgħux iżommu l-irkaptu tagħhom f'modalità tal-operat.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Enerġija
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 40, CPC 71310, parti minn CPC 88
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Bulgarija tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward tal-produzzjoni tal-elettriku u s-sħana u tas-servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija, kif ukoll tat-trasport bil-pajpline, ħżin u magazzinaġġ tal-petroleum u l-gass naturali, inkluż it-trażmissjoni tat-tranżitu.
Miżuri Eżistenti:	L-Att dwat l-Enerġija

Settur:	Manifattura ta' fjuwil nukleari, elettriku, forniment tal-gass u l-ilma
Sottosettur:	Ġenerazzjoni ta' elettriku bbażat fuq in-nukleari Ipproċessar ta' materjal nukleari u fjuwil Trasport jew ipproċessar ta' materjal nukleari
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 23, ISIC rev 3.1 40
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-Bulgarija tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward tal-ipproċessar ta' materjali fissili u fużjonabbli jew materjali derivati minnhom, kif ukoll il-kummerċ ma' tali servizzi, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' tagħmir u sistemi f'faċilitajiet tal-produzzjoni tal-enerġija nukleari, it-trasport ta' tali materjali u l-materjali tar-rimi u tal-iskart tal-ipproċessar tagħhom, l-użu ta' radjazzjoni jonizzanti, u s-servizzi l-oħrajn kollha li għandhom x'jaqsmu mal-użu tal-enerġija nukleari għal skopijiet paċifiċi (inklużi servizzi ta' inġinerija u konsultazzjoni u servizzi relatati ma' softwer eċċ.).
Miżuri Eżistenti:	Użu sikur tal-Att dwar l-Enerġija Nukleari

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizz legali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Fil-Bulgarija, it-trattament nazzjonali sħiħ dwar l-istabbiliment u l-operazzjoni ta' kumpaniji, kif ukoll dwar il-forniment ta' servizzi, jista' jiġi estiż biss għal kumpaniji stabbiliti fi, u ċittadini tal-pajjiżi li magħhom ġew jew se jiġu konklużi akkordji preferenzjali.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' awditjar
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 86211 u CPC 86212 barra minn servizzi tal-kontabilità
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Miżuri:	Att dwar l-Awditu Finanzjarju Indipendenti
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Għandu jiġi implimentat awditu finanzjarju indipendenti minn awdituri reġistrati li huma membri tal-Istitut tal-Kontabilisti Pubbliċi Ċertifikati. Suġġett għal reċiproċità, l-Istitut tal-Kontabilisti Pubbliċi Ċertifikati jirreġistra entità ta' awditu tal-Kanada jew ta' pajjiż terz meta din tal-aħħar iġġib il-prova li: (a) tliet kwarti mill-membri tal-korpi maniġerjali u l-awdituri reġistrati li jwettqu awditjar f'isem l-entità jissodisfaw ir-rekwiżiti ekwivalenti għal dawk tal-awdituri Bulgari u għaddew b'suċċess l-eżamijiet għalih; (b) l-entità ta' awditjar twettaq awditu finanzjarju indipendenti f'konformità mar-rekwiżiti għal indipendenza u oġġettività; u (c) l-entità ta' awditjar tippubblika fuq is-sit web tagħha rapport ta' trasparenza annwali jew twettaq rekwiżiti ekwivalenti oħra għal divulgazzjoni f'każ li tawditja entitajiet ta' interess pubbliku.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	Servizzi veterinarji
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 932

Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Miżuri:	L-Att dwar il-Prattiki Veterinarji
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Fil-Bulgarija, stabbiliment veterinarju mediku jista' jiġi stabbilit minn persuna fiżika jew ġuridika. Il-prattika ta' mediċina veterinarja hija suġġetta għal kundizzjoni ta' nazzjonalità ta' Stat Membru tal-UE jew taż-ŻEE, inkella permess ta' residenza permanenti huwa rikjest għal ċittadini barranin (il-preżenza fiżika hija rikjesta).
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Tiftix eżekuttiv Servizzi ta' kollokament Servizzi ta' forniment tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87201, CPC 87202, CPC 87203
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Bulgarija tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-istabbiliment tas-servizzi ta' kollokament tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju.

	Il-Bulgarija tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' tiftix eżekuttiv u tal-forniment tas-servizzi tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' sigurtà
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87302, CPC 87303, CPC 87304, CPC 87305, CPC 87309
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Bulgarija tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' sigurtà. Jista' jkun hemm rekwiżiti ta' liċenzjar u ta' awtorizzazzjoni. Il-preżenza ta' residenza jew ta' preżenza kummerċjali hija mitluba u jistgħu japplikaw rekwiżiti ta' nazzjonalità.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Distribuzzjoni
Sottosettur:	Id-distribuzzjoni ta' prodotti kimiċi Id-distribuzzjoni ta' metalli prezzjużi u ħaġar prezzjuż Id-distribuzzjoni ta' prodotti mediċinali, prodotti u oġġetti għal użu mediku u sustanzi mediċi Id-distribuzzjoni ta' tabakk u prodotti tat-tabakk Id-distribuzzjoni ta' xorb alkoħoliku

Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 621, CPC 62228, CPC 62251, CPC 62271, parti minn CPC 62272, CPC 62276, CPC 63108, parti minn CPC 6329
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Bulgarija tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward tad-distribuzzjoni ta' prodotti kimiċi, metalli prezzjużi u ħaġar prezzjuż, prodott mediċinali, sustanzi kimiċi u prodotti u oġġetti għal użu mediku; tabakk u prodotti tat-tabakk u xorb alkoħoliku. Il-Bulgarija tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tas-servizzi pprovduti minn sensara ta' komodità.
Miżuri Eżistenti:	Il-Liġi dwar Prodotti Mediċinali fil-Mediċina tal-Bniedem Il-Liġi dwar l-Attività Veterinarja Il-Liġi għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi u għall-Kontroll fuq is-Sustanzi Kimiċi Tossiċi u l-Prekursuri Tagħhom Il-Liġi dwar it-Tabakk u l-Prodotti tat-Tabakk
Settur:	Servizzi edukattivi
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 921, CPC 922, CPC 923
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq

Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Bulgarija tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura li tirrestrinġi l-forniment transfruntier ta' servizzi tal-edukazzjoni primarja u sekondarja ffinanzjati privatament. Il-Bulgarija tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' edukazzjoni għolja ffinanzjati privatament.
Miżuri Eżistenti:	L-Att dwar l-Edukazzjoni Pubblika, art. 12 Il-Liġi għall-Edukazzjoni Għolja, paragrafu 4 tad-dispożizzjonijiet addizzjonali L-Att dwar l-Edukazzjoni u Taħriġ Vokazzjonali, art. 22
Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Assigurazzjoni
Tip ta' Riżerva:	Forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji
Deskrizzjoni:	**Servizzi finanzjarji** Assigurazzjoni tat-trasport, li tkopri prodotti, assigurazzjoni ta' vetturi bħala tali u assigurazzjoni ta’ responsabilità ċivili dwar riskju fil-Bulgarija ma tistax tiġi sottoskritta minn kumpaniji barranin tal-assigurazzjoni direttament.
Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 9311, CPC 93192, CPC 93193
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi

Deskrizzjoni:	**Investiment**
	Il-Bulgarija tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' sptar, tal-ambulanza u servizzi tas-saħħa residenzjali ffinanzjati privatament barra minn servizzi ta' sptar.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	Servizzi professjonali tas-saħħa servizzi mediċi u dentali, servizzi ta' qabla, infermiera, servizzi psikoterapewtiċi, servizzi ta' paramediċi u psikologi
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 9312, parti minn CPC 9319
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment**
	Il-Bulgarija tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, inkluż servizzi mediċi u dentali, servizzi pprovduti minn infermiera, qwiebel, fiżjoterapisti, persunal paramediku kif ukoll servizzi ta' psikologi.
Miżuri Eżistenti:	Il-Liġi għal Stabbilimenti Mediċi L-Att dwar l-Għaqdiet ta' Organizzazzjoni Professjonali ta' Infermiera Mediċi, Qwiebel u Speċjalisti Mediċi Assoċjati

Settur:	Trasport
Sottosettur:	Servizzi ta' sostenn għal trasport bit-triq
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 744
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Miżuri:	L-Att Bulgaru dwar it-Trasport bit-Triq, art. 6
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Huwa rikjest l-istabbiliment.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Trasport bl-ilma
Sottosettur:	Servizzi ta' sostenn għal trasport bl-ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 741, parti minn CPC 742
Tip ta' Riżerva:	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Safejn il-Kanada u l-provinċji u t-territorji tagħha jippermettu fornituri ta' servizz mill-Bulgarija sabiex ifornu servizzi ta' immaniġġar tal-merkanzija u ħżin u servizzi ta' magażinaġġ fil-baħar u portijiet tax-xmajjar, inkluż servizzi relatati ma' kontejners u prodotti f'kontejners, il-Bulgarija se tippermetti fornituri ta' servizzi mill-Kanada biex ifornu servizzi ta' immaniġġar tal-merkanzija u ħżin u servizzi ta' magażinaġġ fil-baħar u portijiet tax-xmajjar, inkluż servizzi relatati ma' kontejners u prodotti f'kontejners taħt l-istess kundizzjonijiet.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Trasport bil-ferrovija
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7111, CPC 7112
Tip ta' Riżerva:	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-miżuri li jittieħdu skont ftehimiet eżistenti jew futuri, u li jirregolaw d-drittijiet tat-traffiku u l-kundizzjonijiet tat-tħaddim, u l-forniment ta' servizzi tat-trasport fit-territorju tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka u l-Islovakkja u bejn il-pajjiżi kkonċernati.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Trasport bit-triq
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7111, CPC 7112
Tip ta' Riżerva:	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-miżuri li jittieħdu skont ftehimiet eżistenti jew futuri, li jirriżervaw jew jirrestringu l-forniment ta' dawn it-tipi ta' servizzi ta' trasport u jispeċifikaw it-termini u l-kundizzjonijiet ta' dan il-forniment, inkluż il-permessi ta' tranżitu jew it-taxxi preferenzjali tat-triq, fit-territorju tal-Bulgarija jew fil-fruntieri tal-Bulgarija.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Trasport
Sottosettur:	Trasport bit-triq trasport tal-passiġġieri, trasport tal-merkanzija, servizzi ta' trasport internazzjonali bit-trakkijiet
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 712
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Għat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija, jistgħu jingħataw drittijiet esklussivi jew awtorizzazzjonijiet biss lil ċittadini ta' Stat Membru tal-UE u lil persuni ġuridiċi tal-UE li għandhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-UE. Hi mitluba l-inkorporazzjoni. Il-kundizzjoni ta' nazzjonalità ta' Stat Membru tal-UE għal persuna fiżiċi.
Miżuri Eżistenti:	

Riżervi applikabbli fil-Kroazja

Settur:	Agrikoltura, kaċċa
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 011, ISIC rev 3.1 012, ISIC rev 3.1 013, ISIC rev 3.1 014, ISIC rev 3.1 015, CPC 8811, CPC 8812, CPC 8813 barra minn servizzi ta' pariri u ta' konsultazzjoni
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-Kroazja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward ta' attivitajiet ta' agrikoltura u kaċċa.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Ippjanar urbanistiku
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 8674
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Kroazja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward ta' forniment transfruntier ta' ippjanar urbanistiku.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' sigurtà
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87302, CPC 87305
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Kroazja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward ta' servizzi konsultattivi ta' sigurtà u servizzi ta' għassa.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi oħra ta' negozju
Sottosettur:	Servizz tat-traduzzjoni u tal-interpretazzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87905
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Kroazja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward ta' forniment transfruntier ta' traduzzjoni u interpretazzjoni ta' dokumenti uffiċjali.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi ta' trasport
Sottosettur:	Servizzi ta' trasport bit-triq
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7111 u CPC 7112
Tip ta' Riżerva:	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-miżuri applikati taħt ftehimiet eżistenti jew futuri dwar trasport internazzjonali bit-triq u li jirriżervaw jew jillimitaw il-forniment ta' servizzi tat-trasport u li jispeċifikaw l-kundizzjonijiet tat-tħaddim, inkluż permessi ta' tranżitu jew taxxi preferenzjali tat-triq ta' servizzi tat-trasport fi, ġewwa u barra mill-Kroazja lill-partijiet ikkonċernati.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi ta' trasport
Sottosettur:	Servizzi awżiljarji għall-modi tar-trasport kollha
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 741, CPC 742, CPC 743, CPC 744, CPC 745, CPC 746, CPC 749
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Kroazja tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment transfruntier ta' servizzi awżiljarji għal trasport barra minn servizzi ta' aġenzija tat-trasport tal-merkanzija, servizzi tat-tfassil ta' dokument tat-trasport u servizzi ta' sostenn għal trasport bit-triq li huma suġġetti għal permess.
Miżuri Eżistenti:	

Riżervi applikabbli f'Ċipru

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Tiftix eżekuttiv Servizzi ta' kollokament Servizzi ta' forniment tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87201, CPC 87202, CPC 87203
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Ċipru jirriżerva d-dritt li jadotta jew li jżomm kull miżura fir-rigward tal-istabbiliment tas-servizzi ta' kollokament tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' sigurtà
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87302, CPC 87303, CPC 87304, CPC 87305, CPC 87309
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi

Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Ċipru jirriżerva d-dritt li jadotta jew li jżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' sigurtà.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi edukattivi
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 921, CPC 922, CPC 923, CPC 924
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Ċipru jirriżerva d-dritt li jadotta jew li jżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' edukazzjoni primarja, sekondarja u ogħla, u servizzi ta' edukazzjoni għall-adulti ffinanzjati privatament.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	Servizzi ta' sptar Servizzi tal-ambulanza Servizzi residenzjali tas-saħħa apparti servizzi fi sptar
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 9311, CPC 93192, CPC 93193

Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** Ċipru jirriżerva d-dritt li jadotta jew li jżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' sptar, ambulanza u servizzi tas-saħħa residenzjali oħra ffinanzjati privatament barra minn servizzi ta' sptar.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi soċjali
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 933
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** Ċipru jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi soċjali ffinanzjati privatament barra minn servizzi relatati mad-Djar ta' Konvalexxenza u Mistrieħ u d-Djar għall-Anzjani.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Enerġija
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 232, ISIC rev 3.1 4010, ISIC rev 3.1 4020, ISIC rev 3.1 613, ISIC rev 3.1 63297, CPC 7131, CPC 742, CPC 887 (barra minn servizzi ta' pariri u ta' konsultazzjoni)
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Ċipru jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kull miżura li tirrestringi l-forniment transfruntier u tirrikjedi stabbiliment għal ħżin u servizzi ta' magażinaġġ ta' fjuwil ittrasportat bil-pajpline, u l-bejgħ bl-imnut ta' żejt kombustibbli u gass ibbottiljat barra mill-bejgħ bil-korrispondenza. Ċipru jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kull miżura fir-rigward tal-manifattura tal-prodotti tal-petroleum irfinat safejn l-investitur huwa kontrollat minn persuna fiżika jew ġuridika ta' pajjiż mhux tal-UE li tgħodd aktar minn 5 fil-mija tal-importazzjonijiet taż-żejt jew tal-gass naturali, kif ukoll għal manifattura tal-gass, distribuzzjoni ta' karburanti gassużi permezz ta' mejns għall-kont proprju, il-produzzjoni, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku, it-trasport bil-pajpline ta' fjuwil, servizzi inċidentali għal elettriku u distribuzzjoni ta' gass naturali li mhumiex servizzi ta' pariri u konsultazzjoni, servizzi bl-ingrossa tal-elettriku, servizzi bl-imnut ta' karbutant, elettriku u gass ibbottiljat.

Miżuri Eżistenti:	Il-Liġijiet mill-2003 sal-2008 dwar ir-Regolament tas-Suq tal-Elettriku (art. 34(2) and 37)
	Il-Liġijiet mill-2004 sal-2007 dwar ir-Regolament tas-Suq tal-Gass
	Il-Liġi dwar (il-Pajplinijiet) tal-Petroleum, Kapitolu 273 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Ċipru
	Il-Liġi dwar il-Petroleum L.64(I)/1975
	Il-Liġijiet mill-2003 sal-2009 dwar il-Petroleum u l-Ispeċifikazzjonijiet tal-Fjuwil

Riżervi applikabbli fir-Repubblika Ċeka

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' proprjetà immobbli
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 821, CPC 822
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Ir-Repubblika Ċeka tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward ta' forniment transfruntier ta' servizzi ta' proprjetà immobbli.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' irkant
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	parti minn CPC 612, parti minn CPC 621, parti minn CPC 625, parti minn CPC85990
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Is-servizzi ta' irkant fir-Repubblika Ċeka huma suġġetti għal liċenzja. Għall-ksib ta' liċenzja (għall-forniment ta' irkant volontarju pubbliku), kumpanija trid tkun inkorporata fir-Repubblika Ċeka u persuna fiżika hija rikesta li tikseb permess ta' residenza, u l-kumpanija, jew persuna fiżika trid tkun reġistrata fir-Reġistru Kummerċjali tar-Repubblika Ċeka.
Miżuri Eżistenti:	Att nru.455/1991 Coll., Att dwar il-Liċenzja tan-Negozju Att nru. 26/2000 Coll., dwar l-irkant pubbliku

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' awditjar
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 86211, CPC 86212 barra minn servizzi tal-kontabilità
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** Impriża biss li fiha tal-inqas 60 fil-mija ta' interess kapitali jew drittijiet tal-vot huwa riżervat għal ċittadini tar-Repubblika Ċeka jew tal-Istati Membri tal-UE tista' tkun awtorizzata twettaq awditi fir-Repubblika Ċeka.
Miżuri Eżistenti:	Il-Liġi tal-14 ta' April 2009 nru 93/2009 Coll., dwar l-Awdituri

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Tiftix eżekuttiv Servizzi ta' kollokament Servizzi ta' forniment tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87201, CPC 87202, CPC 87203
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi

Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Ir-Repubblika Ċeka tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-istabbiliment tas-servizzi ta' kollokament tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju. Ir-Repubblika Ċeka tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' tiftix eżekuttiv u tal-forniment tas-servizzi tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' sigurtà
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87302, CPC 87303, CPC 87304, CPC 87305, CPC 87309
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Ir-Repubblika Ċeka tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' sigurtà. Jista' jkun hemm rekwiżiti ta' liċenzjar u ta' awtorizzazzjoni. Il-preżenza ta' residenza jew ta' preżenza kummerċjali hija mitluba u jistgħu japplikaw rekwiżiti ta' nazzjonalità.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi edukattivi
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 921, CPC 922, CPC 923, CPC 924
Tip ta' Riżerva:	Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Fir-Repubblika Ċeka, il-maġġoranza tal-membri tal-bord tad-diretturi ta' stabbiliment li jipprovdi servizzi edukattivi ffinanzjati privatament jridu jkunu ċittadini tar-Repubblika Ċeka.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	Servizzi ta' sptar Servizzi tal-ambulanza Servizzi residenzjali tas-saħħa apparti servizzi fi sptar
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 9311, CPC 93192, CPC 93193
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** Ir-Repubblika Ċeka tirriżerva d-dritt li tadotta jew żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' sptar, ambulanza u servizzi tas-saħħa residenzjali oħra ffinanzjati privatament barra minn servizzi ta' sptar.
Miżuri Eżistenti:	Att Nru 372/2011 Sb. dwar is-Servizzi tal-Kura tas-Saħħa u l-Kundizzjonijiet tal-Forniment Tagħhom

Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	Servizzi professjonali tas-saħħa servizzi mediċi u dentali, servizzi ta' qabla, infermiera, servizzi psikoterapewtiċi, servizzi ta' paramediċi u psikologi Servizzi oħra relatati mas-saħħa
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 9312, parti minn CPC 9319
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Ir-Repubblika Ċeka tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, inkluż is-servizzi forniti minn professjonisti bħal tobba mediċi, dentisti, qbiela, infermieri, fiżjoterapisti, paramediċi, u psikologi, kif ukoll servizzi oħra relatati mas-saħħa dwar l-immaniġġar ta' tessuti, organi u ċelloli umani intiżi għall-użu mill-bniedem.
Miżuri Eżistenti:	Att Nru 296/2008 Coll., dwar is-Salvagwardja tal-Kwalità u s-Sikurezza tat-Tessuti u ċ-Ċelloli Umani Intiżi għall-Użu mill-Bniedem ("Att dwar it-Tessuti u ċ-Ċelloli Umani") Att Nru 378/2007 Coll., dwar Prodotti Medicinali u dwar Emendi għal Uħud mill-Atti Relatati (Att dwar il-Prodotti Mediċinali) Att 123/2000 Coll., dwar Apparati Mediċi Att 285/2002 Coll., dwar id-Donazzjoni, it-Teħid u t-Transpjantar ta' Tessuti u Organi u dwar Emenda għal Ċerti Atti (Att dwar it-Transpjantar)

Settur:	Servizzi soċjali
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 933
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** Ir-Repubblika Ċeka tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi soċjali ffinanzjati privatament.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Trasport bil-ferrovija
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7111, CPC 7112
Tip ta' Riżerva:	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-miżuri li jittieħdu skont ftehimiet eżistenti jew futuri, u li jirregolaw d-drittijiet tat-traffiku u l-kundizzjonijiet tat-tħaddim, u l-forniment ta' servizzi tat-trasport fit-territorju tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka u l-Islovakkja u bejn il-pajjiżi kkonċernati.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Trasport bit-triq
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7121, CPC 7122, CPC 7123
Tip ta' Riżerva:	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-miżuri li huma meħuda taħt ftehimiet eżistenti jew futuri, u li jirriżervaw jew jillimitaw il-forniment ta' servizzi tat-trasport u li jispeċifikaw l-kundizzjonijiet tat-tħaddim, inkluż permessi ta' tranżitu jew taxxi preferenzjali tat-triq ta' servizzi tat-trasport fi, ġewwa u barra mir-Repubblika Ċeka lill-partijiet kontraenti kkonċernati.
Miżuri Eżistenti:	

Riżervi applikabbli fid-Danimarka

Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Miżuri meħuda mid-Danimarka, l-Iżvezja u l-Finlandja bl-għan tal-promozzjoni tal-kooperazzjoni Nordika, bħal: (a) sostenn finanzjarju għal proġetti ta' riċerka u żvilupp (R&D) (il-Fond Industrijali Nordiku); (b) finanzjament ta' studji tal-fattibbiltà ta' proġetti industrijali (il-Fond Nordiku għal Esportazzjonijiet ta' Proġetti); u (c) għajnuna finanzjarja lil kumpaniji[2] li jużaw teknoloġija ambjentali (il-Korporazzjoni Nordika għall-Finanzjament Ambjentali). Din ir-riżerva hija mingħajr preġudizzju għall-esklużjoni ta' akkwist pubbliku minn Parti, sussidji, jew sostenn governattiv għal negozju f'servizzi fl-Art. 8.15.5(a) u (b), u 9.2.2(f) u (g) rispettivament.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Sajd Akkwakultura Serviżżi inċidentali għas-sajd
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 0501, ISIC rev 3.1 0502, CPC 882

[2] Tapplika għal kumpaniji Ewropej tal-Lvant, li qegħdin jikkoperaw ma' kumpanija/i Nordika/Nodiċi.

Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** Ir-residenti li mhux tal-UE ma jistgħux jikkontrollaw terz jew aktar minn negozju ta' sajd kummerċjali fid-Danimarka. Ir-residenti li mhux tal-UE ma jistax ikollhom bastimenti b'bandiera Daniża ħlief permezz ta' kumpanija inkorporata fid-Danimarka. Għal kumpanija biex tirreġistra l-bastiment tagħha bħala bastiment Daniż tas-sajd, tal-inqas żewġ terzi tal-proprjetarji tal-kumpanija jridu jkunu rreġistrata bħala sajjieda li għandhom stat "A" tal-liċenzja tas-sajd, jew żewġ terzi tal-ishma tal-kumpanija jridu jkunu kkontrollati minn kumpanija oħra li hija kkontrollata interament minn sajjieda li għandhom stat "A" tal-liċenzja. Għall-kisba ta' stat "A" taħt il-liċenzja tas-sajd, persuna fiżika trid tkun għexet fid-Danimarka għal sentejn qabel ma ssir it-talba għall-kisba ta' liċenzja jew sabiex ikollha ċ-ċittadinanza Daniża. Dawn ir-restrizzjonijiet ma japplikawx għal persuni fi ħdan l-UE jew l-Istati Membri taż-ŻEE.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' sigurtà
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87302, CPC 87303, CPC 87304, CPC 87305, CPC 87309

Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Id-Danimarka tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' għassa tal-ajruport. Sabiex tipprovdi servizzi ta' sigurtà fid-Danimarka, jeħtieġ li l-persuna tkun persuna ġuridika nazzjonali.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Assigurazzjoni
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji
Deskrizzjoni:	**Servizzi finanzjarji** Ebda persuna jew kumpanija (inkluż kumpaniji ta' assigurazzjoni) ma tista', għal skopijiet ta' negozju fid-Danimarka, tassisti fl-għoti ta' assigurazzjoni diretta għal persuni residenti fid-Danimarka, għal bastimenti Daniżi jew għal proprjetà fid-Danimarka, barra minn kumpaniji ta' assigurazzjoni liċenzjati mil-liġi Daniża jew minn awtoritajiet Daniżi kompetenti.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi soċjali
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 933
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** Id-Danimarka tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi soċjali ffinanzjati privatament barra minn servizzi relatati mad-Djar ta' Konvalexxenza u Mistrieħ u d-Djar għall-Anzjani.
Miżuri Eżistenti:	

Riżervi applikabbli fl-Estonja

Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	Akkwist ta' proprjetà immobbli
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Investiment** Hi biss persuna fiżika li hija ċittadina Estonjana jew ċittadina ta' Stat Membru taż-ŻEE, jew persuna ġuridika li ddaħħlet fir-reġistru Estonjan adegwat, li tista' tikseb proprjetà immobbli użata għal art li tiġġenera profitt, li t-tipi ta' kategoriji għall-użu tal-art jinkludu artijiet agrikoli u tal-foresti, u biss bl-awtorizzazzjoni tal-gvernatur tal-kontea. Din ir-riżerva ma tapplikax għall-akkwist ta' art agrikola jew tal-foresti għall-iskopijiet ta' forniment ta' servizz li huwa liberalizzat taħt dan il-ftehim.
Miżuri Eżistenti:	Kinnisasja omandamise kitsendamise seadus (Att dwar ir-Restrizzjonijiet fuq l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli) Kapitoli 2 u 3

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Tiftix eżekuttiv Servizzi ta' kollokament Servizzi ta' forniment tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87201, CPC 87202, CPC 87203

Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** L-Estonja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-istabbiliment tas-servizzi ta' kollokament tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju. L-Estonja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' tiftix eżekuttiv u tal-forniment tas-servizzi tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' sigurtà
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87302, CPC 87303, CPC 87304, CPC 87305, CPC 87309
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** L-Estonja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' sigurtà. Jista' jkun hemm rekwiżiti ta' liċenzjar u ta' awtorizzazzjoni. Il-preżenza ta' residenza jew ta' preżenza kummerċjali hija mitluba u jistgħu japplikaw rekwiżiti ta' nazzjonalità.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u finanzjarji oħra (bl-eċċezzjoni ta' assigurazzjoni)
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji
Deskrizzjoni:	**Servizzi finanzjarji** Għal aċċettazzjoni ta' depożiti, hemm bżonn ta' awtorizzazzjoni mill-Awtorità ta' Sorveljanza Finanzjarja Estonjana u reġistrazzjoni taħt il-liġi Estonjana bħala kumpannija b'ishma konġunti, kumpanija sussidjarja jew fergħa.
Miżuri Eżistenti:	Krediidiasutuste seadus (Att dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu) § 20.6.

Settur:	Trasport
Sottosettur:	Trasport marittimu Trasport bit-triq Trasport bil-ferrovija
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 711, parti minn CPC 712, parti minn CPC 721
Tip ta' Riżerva:	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** L-Estonja tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura li tatribwixxi trattament differenzjali lil pajjiż skont ftehimiet bilaterali eżistenti jew futuri dwar trasport bit-triq internazzjonali (inkluż trasport ikkombinat bit-triq jew bil-ferrovija), tirriżerva jew tillimita l-forniment ta' servizzi tat-trasport fi, madwar u barra mill-Estonja lill-Partijiet kontraenti lil vetturi rreġistrati f'kull Parti kontraenti, u li tipprovdi eżenzjoni mit-taxxa għat-tali vetturi.
Miżuri Eżistenti:	

Riżervi applikabbli fil-Finlandja

Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Ir-restrizzjonijiet dwar id-dritt għal persuna fiżiċi, li ma jgawdux minn ċittadinanza reġjonali f'Åland, u għal persuni ġuridiċi, sabiex jiksbu jew ikollhom proprjetà immobbli fil-Gżejjer Åland mingħajr ma jiksbu permess mill-awtorità kompetenti tal-Gżejjer Åland. Ir-restrizzjonijiet dwar id-dritt ta' stabbiliment u d-dritt li jwettqu attivitajiet ekonomiċi minn persuna fiżiċi, li ma jgawdux minn ċittadinanza reġjonali f'Åland, jew minn impriża, mingħajr ma jiksbu permess mill-awtoritajiet kompetenti tal-Gżejjer Åland.
Miżuri Eżistenti:	Ahvenanmaan maanhankintalaki (Att dwar l-akkwist tal-art f'Åland) (3/1975), s. 2 Ahvenanmaan itsehallintolaki (Att dwar l-Awtonomija ta' Åland) (1144/1991), s. 11
Settur:	Is-servizzi kollha
Sottosettur:	Is-servizzi ta' identifikazzjoni elettronika

Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Finlandja tirriżerva d-dritt li tirrikjedi stabbiliment fil-Finlandja jew x'imkien ieħor fiż-ŻEE biex tipprovdi servizzi ta' identifikazzjoni elettronika.
Miżuri Eżistenti:	Laki vahvasta sähköisestä tunnistamisesta ja sähköisistä allekirjoituksista (Att dwar l-Identifikazzjoni Elettronika B'Saħħitha u l-Firem Elettroniċi) 617/2009
Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Miżuri meħuda mid-Danimarka, l-Iżvezja u l-Finlandja bl-għan tal-promozzjoni tal-kooperazzjoni Nordika, bħal: (a) sostenn finanzjarju għal proġetti ta' R&D (il-Fond Industrijali Nordiku); (b) finanzjament ta' studji tal-fattibbiltà ta' proġetti industrijali (il-Fond Nordiku għal Esportazzjonijiet ta' Proġetti); u (c) għajnuna finanzjarja lil kumpaniji[3] li jużaw teknoloġija ambjentali (il-Korporazzjoni Nordika għall-Finanzjament Ambjentali). Din ir-riżerva hija mingħajr preġudizzju għall-esklużjoni ta' akkwist pubbliku minn Parti, sussidji, jew sostenn governattiv għal negozju f'servizzi fl-Art. 8.15.5(a) u (b), u 9.2.2(f) u (g) rispettivament.
Miżuri Eżistenti:	

[3] Tapplika għal kumpaniji Ewropej tal-Lvant, li qegħdin jikkoperaw ma' kumpanija/i Nordika/Nodiċi.

Settur:	Il-manifattura tal-forniment ta' fjuwil nukleari, elettriku, tal-gass u l-ilma
Sottosettur:	Ġenerazzjoni ta' elettriku bbażata fuq in-nukleari Ipproċessar ta' materjal nukleari u fjuwil Trasport jew ipproċessar ta' materjal nukleari
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 233, ISIC rev 3.1 40
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-Finlandja tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward ta' proċessar, distribuzzjoni u trasport ta' materjal nukleari u l-ġenerazzjoni ta' enerġija bbażata fuq in-nukleari.
Miżuri Eżistenti:	Ydinenergialaki (Att dwar l-Enerġija Nukleari) (990/1987)

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Tiftix eżekuttiv Servizzi ta' kollokament tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju u ħaddiema oħra Servizzi ta' forniment tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87201, CPC 87202, CPC 87203
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi

Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Finlandja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-istabbiliment tas-servizzi ta' kollokament tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju. Il-Finlandja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' tiftix eżekuttiv u tal-forniment tas-servizzi tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju u ħaddiema oħra.
Miżuri Eżistenti:	Laki julkisesta työvoima- ja yrityspalvelusta (Att dwar Impjieg Pubbliku u Servizz ta' Intrapriża) (916/2012)
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' sigurtà
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87302, CPC 87303, CPC 87304, CPC 87305, CPC 87309
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-forniment ta' servizzi ta' sigurtà minn fornitur barrani fuq bażi transfruntier mhuwiex permess. Il-liċenzji biex jiġu forniti servizzi ta' sigurtà jistgħu jingħataw biss lil persuni fiżiċi residenti fiż-ŻEE jew persuni ġuridiċi stabbiliti fiż-ŻEE.
Miżuri Eżistenti:	Laki yksityisistä turvallisuuspalveluista (Att dwar is-Servizzi ta' Sigurtà Privata) 282/2002
Settur:	Servizzi ta' distribuzzjoni
Sottosettur:	Id-distribuzzjoni ta' xorb alkoħoliku
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 62112, CPC 62226, CPC 63107, CPC 8929

Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Finlandja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tad-distribuzzjoni ta' xorb alkoħoliku.
Miżuri Eżistenti:	Alkoholilaki (Att dwar l-Alkoħol) (1143/1994)
Settur:	Servizzi ta' distribuzzjoni
Sottosettur:	Id-distribuzzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 62117, CPC 62251, CPC 63211, CPC 8929
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Finlandja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tad-distribuzzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi.
Miżuri Eżistenti:	Lääkelaki (Att dwar il-Mediċina) (395/1987)

Settur:	Enerġija
Sottosettur:	It-trażmissjoni u d-distribuzzjoni ta' netwerks; Importazzjoni, bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut tal-elettriku Il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' gass, fwar u ilma jaħraq
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 40, CPC 7131, CPC 887 (apparti servizzi ta' pariri u ta' konsultazzjoni)
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Finlandja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tat-trażmissjoni u n-netwerks ta' distribuzzjoni u s-sistemi ta' enerġija, fwar u ilma jaħraq. Il-Finlandja tirriżerva d-dritt li tipprevjeni l-kontroll jew is-sjieda ta' terminal ta' gass naturali likwifikat (LNG) (inkluż dawk il-partijiet ta' terminal ta' LNG użat għal ħżin u gassifikazzjoni mill-ġdid ta' LNG) minn persuni jew impriżi barranin għal raġunijiet ta' sigurtà tal-enerġija. Il-Finlandja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-importazzjoni, bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut tal-elettriku. Il-Finlandja tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm restrizzjonijiet kwantitattivi fil-forma ta' monopolji jew drittijiet esklussivi għall-importazzjoni ta' gass naturali, u għall-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' fwar u ilma jaħraq. Bħalissa jeżistu monopolji naturali u drittijiet esklussivi.
Miżuri Eżistenti:	Maakaasumarkkinalaki (Att dwar is-Suq ta' Gass Naturali) (508/2000) Sähkömarkkinalaki (Att dwar is-Suq tal-Elettriku) (386/1995)

Settur:	Servizzi edukattivi
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 921, CPC 922, CPC 923, CPC 924
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Finlandja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' edukazzjoni primarja, sekondarja u ogħla, u servizzi ta' edukazzjoni għall-adulti ffinanzjati privatament.
Miżuri Eżistenti:	Perusopetuslaki (Att dwar l-Edukazzjoni Bażika) (628/1998) Lukiolaki (Att dwar l-Ogħla Skejjel Sekondarji Ġenerali) (629/1998) Laki ammatillisesta koulutuksesta (Att dwar it-Taħriġ Vokazzjonali u l-Edukazzjoni) (630/1998) Laki ammatillisesta koulutuksesta (Att dwar l-Edukazzjoni Vokazzjonali għall-Adulti) (631/1998) Ammattikorkeakoululaki (Att dwar il-Politekniċi) (351/2003) Yliopistolaki (Att dwar l-Universitajiet) (558/2009)

Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	Servizzi ta' sptar Servizzi tal-ambulanza Servizzi residenzjali tas-saħħa apparti servizzi fi sptar Servizzi oħra tas-saħħa tal-bniedem
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 9311, CPC 93192, CPC 93193, CPC 93199

Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-Finlandja tirriżerva d-dritt li tadotta jew żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' sptar, ambulanza, servizzi tas-saħħa residenzjali oħra ffinanzjati privatament barra minn servizzi ta' sptar u, servizzi oħra tas-saħħa tal-bniedem.
Miżuri Eżistenti:	Laki yksityisestä terveydenhuollosta (Att dwar il-Kura tas-Saħħa Privata) (152/1990)
Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	Professjonijiet relatati mas-saħħa: servizzi mediċi u dentali, servizzi forniti minn qbiela, servizzi psikoterapewtiċi u paramediċi, servizzi forniti minn psikologi
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 9312, CPC 93191
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi

Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Finlandja tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, kemm jekk iffinanzjati pubblikament jew privatament, inkluż servizzi mediċi u dentali, servizzi pprovduti minn qbiela, fiżjoterapisti u persunal paramediku, u servizzi forniti minn psikologi. Din ir-riżerva ma tapplikax għal servizzi pprovduti minn infermiera.
Miżuri Eżistenti:	Laki yksityisestä terveydenhuollosta (Att dwar il-Kura tas-Saħħa Privata) (152/1990)
Settur:	Servizzi soċjali
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 933
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-Finlandja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi soċjali ffinanzjati privatament.
Miżuri Eżistenti:	Laki yksityisistä sosiaalipalveluista (Att dwar is-Servizzi Soċjali Finanzjati Privatament) (922/2011).
Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	L-assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	

Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Servizzi finanzjarji** Il-forniment ta' servizzi ta' sensar tal-assigurazzjoni huwa suġġett għal post tan-negozju permanenti fl-UE. L-assiguraturi biss li għandhom uffiċċju reġistrat fl-UE jew fergħa fil-Finlandja jistgħu joffru servizzi ta' assigurazzjoni diretta, inkluż il-koassigurazzjoni. Tal-inqas nofs il-membri tal-bord tad-diretturi u l-bord superviżorju, id-direttur maniġerjali ta' kumpanija tal-assigurazzjoni li tforni assigurazzjoni statutorja tal-pensjoni jkollhom il-post ta' residenza tagħhom fiż-ŻEE, sakemm l-awtoritajiet kompetenti ma jagħtux eżenzjoni minn dan. L-assiguraturi barranin ma jistgħux jiksbu liċenzja fil-Finlandja bħala fergħa sabiex ikomplu l-assigurazzjoni statutorja tal-pensjoni. Tal-inqas awditur wieħed ikollu r-residenza permanenti tiegħu fiż-ŻEE. Għal kumpaniji tal-assigurazzjoni oħra, ir-residenza fiż-ŻEE hija rikjesta għal tal-inqas membru wieħed tal-bord tad-diretturi u l-bord superviżorju u d-direttur maniġerjali. Tal-inqas awditur wieħed ikollu r-residenza permanenti tiegħu fiż-ŻEE. L-aġent ġenerali ta' kumpanija tal-assigurazzjoni tal-Kanada jrid ikollu l-post tar-residenza tiegħu fil-Finlandja, sakemm il-kumpanija ma jkollhiex il-kwartieri ġenerali tagħha fl-UE.
Miżuri Eżistenti:	Laki ulkomaisista vakuutusyhtiöistä (Att dwar il-Kumpaniji tal-Assigurazzjoni Barranija) (398/1995) Vakuutusyhtiölaki (Att dwar il-Kumpaniji tal-Assigurazzjoni) (521/2008) Laki vakuutusedustuksesta (Att dwar il-Medjazzjoni fl-Assigurazzjoni) (570/2005) Laki työeläkevakuutusyhtiöistä (Att dwar il-Kumpaniji li jipprovdu assigurazzjoni statutorja tal-pensjoni) (354/1997)

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u finanzjarji oħra
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi Forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji
Deskrizzjoni:	**Servizzi Finanzjarji** Tal-inqas wieħed mill-fundaturi, il-membri tal-bord tad-diretturi, il-bord superviżorju, id-direttur maniġerjali tal-fornituri ta' servizzi bankarji u l-persuna intitolata li tiffirma l-isem tal-istituzzjoni ta' kreditu jkollhom r-residenza permanenti tagħhom fiż-ŻEE. Tal-inqas awditur wieħed ikollu r-residenza permanenti tiegħu fiż-ŻEE. Għal servizzi ta' ħlas, ir-residenza jew id-domiċilju fil-Finlandja jistgħu jiġu rikjesti.
Miżuri Eżistenti:	Laki liikepankeista ja muista osakeyhtiömuotoisista luottolaitoksista (Att dwar il-Banek Kummerċjali u Istituzzjonijiet Oħra ta' Kreditu fil-Forma ta' Kumpanija B'Responbsabbiltà Limitata) (1501/2001) Säästöpankkilaki (1502/2001) (Att dwar it-Tfaddil Bankarju) Laki osuuspankeista ja muista osuuskuntamuotoisista luottolaitoksista (1504/2001) (Att dwar il-Banek Kooperattivi u Istituzzjonijiet Oħra ta' Kreditu fil-Forma ta' Bank Kooperattiv) Laki hypoteekkiyhdistyksistä (936/1978) (Att dwar Soċjetajiet Ipoteki) Maksulaitoslaki (297/2010) (Att dwar Istituzzjonijiet ta' Pagament) Laki ulkomaisen maksulaitoksen toiminnasta Suomessa (298/2010) (Att dwar it-Tħaddim ta' Istituzzjoni Barranija ta' Pagament fil-Finlandja) Laki luottolaitostoiminnasta (Att dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu) (121/2007)

Settur:	Trasport
Sottosettur:	Trasport ta' passiġġieri jew ta' merkanzija bil-ferrovija
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7111, CPC 7112
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Finlandja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward ta' forniment transfruntier ta' trasport bil-ferrovija. Fir-rigward ta' stabbiliment ta' servizzi ta' trasport ta' passiġġieri bil-ferrovija, attwalment, hemm drittijiet esklussivi (mogħtija lil VR-Group Ltd li hija 100 fil-mija kkontrollata mill-Istat) sal-2017 fiż-Żona Metropolitana ta' Helsinki u f'postijiet oħra sal-2019 f'dan il-qasam, li jistgħu jiġu mġedda.
Miżuri Eżistenti:	Rautatielaki Att dwar il-Ferrovija) (304/2011)

Settur:	Sajd Akkwakultura Serviżżi inċidentali għas-sajd
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 0501, ISIC rev 3.1 0502, CPC 882
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq

Deskrizzjoni:	**Investiment**
	Is-sajd kummerċjali jista' jkun eżerċitat biss minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Finlandja. Jistgħu japplikaw rekwiżiti addizzjonali li jirrigwardaw, *inter alia*, is-sjieda tal-bastiment u l-eżistenza ta' konnessjoni suffiċjenti mal-industrija tas-sajd tal-Finlandja.
Miżuri Eżistenti:	Merilaki (Att Marittimu) 674/1994 Kalastuslaki (Att dwar is-Sajd) 286/1982 Laki merellä toimivien kalastus- ja vesiviljelyalusten rekisteröinnistä (Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Bastimenti Tal-Baħar involuti fis-Sajd u l-Akwakultura) 690/2010
Settur:	Trasport
Sottosettur:	Trasport bit-triq trasport tal-passiġġieri, trasport tal-merkanzija, servizzi ta' trasport internazzjonali bit-trakkijiet
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 712
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi**
	L-awtorizzazzjoni hija rikjesta għall-forniment ta' servizzi ta' trasport bit-triq, li mhijiex estiża għal vetturi rreġistrati barra mill-pajjiż
Miżuri Eżistenti:	Laki kaupallisista tavarankuljetuksista tiellä (Att dwar it-Trasport Kummerċjali bit-Triq) 693/2006 Ajoneuvolaki (Att dwar il-Vetturi) 1090/2002

Settur:	**Trasport**
Sottosettur:	Trasport marittimu Trasport bit-triq Trasport bil-ferrovija
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 711, parti minn CPC 712, parti minn CPC 721
Tip ta' Riżerva:	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit Obbligi
Deskrizzjoni:	**Investiment, Negozju Transfruntier ta' Servizzi u Servizzi ta' Trasport Marittimu Internazzjonali** Il-Finlandja tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura li tagħti trattament differenzjali lil pajjiż skont ftehimiet bilaterali eżistenti jew futuri li jeżentaw bastimenti rreġistrati taħt il-bandiera barranija ta' pajjiż speċifikat ieħor jew vetturi rreġistrati barra mill-projbizzjoni ġenerali milli jipprovdu trasport ta' kabotaġġ (inkluż trasport ikkombinat, bit-triq u bil-ferrovija) fil-Finlandja abbażi ta' reċiproċità.
Miżuri Eżistenti:	

Riżervi applikabbli fi Franza

Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** Tip ta' stabbiliment - Skont l-Artikoli L151-1 u R153-1 tal-kodiċi finanzjarju u monetarju, l-investimenti barranin fi Franza f'setturi elenkati fl-Art. R153-2 tal-kodiċi finanzjarju u monetarju huma suġġetti għal approvazzjoni minn qabel mill-Ministeru tal-Ekonomija.
Miżuri Eżistenti:	Kodiċi Finanzjarju u Monetarju, Artikoli L151-1, R153-1

Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Miżuri:	

Deskrizzjoni:	**Investiment** Tipi ta' stabbiliment - Franza tirriżerva d-dritt li tillimita parteċipazzjoni barranija f'kumpaniji privatizzati mill-ġdid għal ammont varjabbli, iddeterminat mill-gvern ta' Franza fuq bażi ta' każ b'każ, tal-ekwità offruta lill-pubbliku. Għall-iskopijiet tal-istabbiliment ta' ċerti attivitajiet kummerċjali, industrijali jew artisanali, hija meħtieġa awtorizzazzjoni speċifika jekk id-direttur maniġerjali mhuwiex detentur ta' permess ta' residenza permanenti.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Sajd Akkwakultura Serviżżi inċidentali għas-sajd
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 0501, ISIC rev 3.1 0502, CPC 882
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment** Iċ-ċittadini ta' pajjiżi mhux tal-UE ma jistgħux jipparteċipaw fil-proprjetà marittima tal-Istat Franċiż għall-farming ta’ ħut, frott tal-baħar u alka.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' kollokament Servizzi ta' forniment tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87202, CPC 87203
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Franza tirriżerva d-dritt li tirrestringi n-numru ta' fornituri ta' servizzi ta' kollokament. Dawn is-servizzi huma suġġetta għal monopolju tal-istat. Franza tirriżerva d-dritt li tirrikjedi stabbiliment u li tipprojbixxi l-forniment transfruntier ta' provvista ta' servizzi ta' persunal ta' sostenn għall-uffiċċju.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' sigurtà
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87302, CPC 87303, CPC 87304, CPC 87305, CPC 87309
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-forniment ta' servizzi ta' sigurtà minn fornitur barrani fuq bażi transfruntier mhuwiex permess. Ir-rekwiżit ta' ċittadinanza għal diretturi maniġerjali u diretturi.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Assigurazzjoni
Tip ta' Riżerva:	Forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji
Deskrizzjoni:	**Servizzi finanzjarji** Assigurazzjoni tar-riskji relatati ma' trasport fuq l-art tista' tiġi sottoskritta biss minn intrapriżi tal-assigurazzjoni stabbiliti fl-UE.
Miżuri Eżistenti:	Art. L 310-10 du code des assurances

Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	Analiżi tal-laboratorju u l-ittestjar
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 9311
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Franza tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' analiżi u ta' ittestjar tal-laboratorju ffinanzjati privatament.
Miżuri Eżistenti:	Art. L 6213-1 à 6213-6 du Code de la Santé Publique

Settur:	Servizzi soċjali
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 933

Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** Franza tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi soċjali ffinanzjati privatament barra minn servizzi relatati mad-Djar ta' Konvalexxenza u Mistrieħ u d-Djar għall-Anzjani.
Settur:	Turiżmu u servizzi relatati mal-ivvjaġġar
Sottosettur:	Servizzi ta' gwidi turistiċi
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7472
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Franza tirriżerva d-dritt li tirrikjedi ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru tal-UE għall-forniment ta' servizzi ta' gwida tat-turisti fit-territorju tagħha.
Miżuri Eżistenti:	Ebda
Settur:	Servizzi ta' aġenzija tal-aħbarijiet u tal-istampa
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 962
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali

Deskrizzjoni:	**Investiment**
	Il-parteċipazzjoni barranija f'kumpaniji eżistenti li jippubblikaw il-pubblikazzjonijiet fil-lingwa Franċiża ma tistax teċċedi 20 fil-mija tal-kapital jew tad-drittijiet tal-vot fil-kumpanija.
	L-istabbiliment ta' aġenziji tal-istampa tal-Kanada huwa suġġett għal kundizzjonijiet stabbiliti f'regolament domestiku.
	L-istabbiliment ta' aġenziji tal-istampa minn investituri barranin huwa suġġett għal reċiproċità.
Miżuri Eżistenti:	Ordonnance n° 45-2646 du 2 novembre 1945 portant règlementation provisoire des agences de presse
	Loi n° 86-897 du 1 août 1986 portant réforme du régime juridique de la presse
Settur:	Enerġija
Sottosettur:	Sistemi ta’ trażmissjoni ta' elettriku u gass
	Trasport mill-pajpijiet taż-żejt u tal-gass
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 401, ISIC rev 3.1 402, CPC 7131, CPC 887
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
	Trattament nazzjonali
	Rekwiżiti ta' prestazzjoni
	Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi**
	Franza tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward ta' sistemi ta’ trażmissjoni ta' elettriku u gass u ta' trasport bil-pajpline taż-żejt u l-gass.

	Il-kumpaniji biss li l-kapital tagħhom huwa kkontrollat 100 fil-mija mill-Istat Franċiż, minn organizzazzjoni tas-settur pubbliku jew minn EDF, jistgħu jikkontrollaw u jħaddmu sistemi ta' trażmissjoni jew ta' distribuzzjoni tal-elettriku. Il-kumpaniji biss li l-kapital tagħhom huwa kkontrollat 100 fil-mija mill-Istat Franċiż, minn organizzazzjoni tas-settur pubbliku jew minn GDF-Suez, jistgħu jikkontrollaw u jħaddmu sistemi ta' trażmissjoni jew ta' distribuzzjoni tal-gass għal raġunijet ta' sigurtà tal-enerġija nazzjonali.
Miżuri Eżistenti:	Loi N° 2004-803 du 9 août 2004 relative au service public de l'électricité et du gaz et aux entreprises électriques et gazières Loi N°2005-781 du 13 juillet 2005 Loi N°2000-108 du 10 février 2000
Settur:	Produzzjoni tal-elettriku
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 4010
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment** Franza tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-produzzjoni tal-elettriku.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Manifattura, produzzjoni, ipproċessar, ġenerazzjoni, distribuzzjoni jew trasport ta' materjal nukleari
Sottosettur:	Ġenerazzjoni ta' elettriku bbażata fuq in-nukleari Ipproċessar ta' materjal nukleari u fjuwil Trasport jew ipproċessar ta' materjal nukleari

Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 12, ISIC rev 3.1 23, ISIC rev 3.1 40**,** ISIC rev 3.1 1200, ISIC rev 3.1 2330, parti minn ISIC rev 3.1 4010
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-manifattura, il-produzzjoni, l-ipproċessar, il-ġenerazzjoni, id-distribuzzjoni jew it-trasport ta' materjal nukleari jridu jirrispettaw l-obbligi tal-Ftehim bejn l-Euratom u l-Kanada.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi ta' kiri jew lokazzjoni mingħajr operaturi
Sottosettur:	Servizzi oħra ta' kiri jew lokazzjoni mingħajr operaturi
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 832
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Franza tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' servizzi oħra ta' kiri jew lokazzjoni mingħajr operatur.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Trasport
Sottosettur:	Trasport bit-triq trasport tal-passiġġieri, trasport tal-merkanzija, servizzi ta' trasport internazzjonali bit-trakkijiet

Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 712
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-investituri barranin mhumiex permessi jipprovdu servizzi ta’ karozzi tal-linja bejn belt u oħra.
Miżuri Eżistenti:	

Riżervi applikabbli fil-Ġermanja

Settur:	Sajd Akkwakultura Serviżżi inċidentali għas-sajd
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 0501, ISIC rev 882 40
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-maġġoranza tal-ishma jridu jkunu kkontrollati minn Stat Membru tal-UE jew kumpaniji stabbiliti skont ir-regoli mill-UE u li għandhom il-post prinċipali tan-negozju fi Stat Membru tal-UE. L-użu tal-bastimenti jrid ikun immexxi u kkontrollat minn persuni li jirrisjedu fil-Ġermanja. Għall-ksib ta' liċenzja tas-sajd, il-bastimenti tas-sajd kollha jridu jirreġistraw mal-istati kostali rilevanti li fihom il-bastimenti għandhom il-portijiet tal-irmiġġ tagħhom.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi ambjentali
Sottosettur:	Immaniġġjar tal-iskart: dranaġġ, rimi ta' skart u servizzi sanitarji
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 9401, CPC 9402, CPC 9403

Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Ġermanja tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura li tipprojbixxi l-forniment transfruntier ta' servizzi u li tirrikjedi stabbiliment fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' immaniġġjar tal-iskart, barra minn servizzi ta' pariri. Il-Ġermanja tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura relatata mad-dożinjazzjoni, l-istabbiliment, l-espansjoni jew it-tħaddim ta' monopolji jew fornituri ta' servizz esklussivi li jipprovdu servizzi ta' immaniġġjar tal-iskart.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi ambjentali
Sottosettur:	Il-ġestjoni tal-ħamrija
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 94060
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Ġermanja tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura li tipprojbixxi l-forniment transfruntier ta' servizzi u li tirrikjedi stabbiliment fir-rigward ta' servizzi relatati mal-protezzjoni tal-ħamrija u l-immaniġġjar tal-ħamrija kkontaminata, barra minn servizzi ta' pariri. Il-Ġermanja tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura relatata mad-dożinjazzjoni, l-istabbiliment, l-espansjoni jew it-tħaddim ta' monopolji jew fornituri ta' servizz esklussivi li jipprovdu servizzi ta' immaniġġjar u ta' protezzjoni tal-ħamrija.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Assigurazzjoni
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji
Deskrizzjoni:	**Servizzi finanzjarji** Il-poloz tal-assigurazzjoni obbligatorji jistgħu jiġu sottoskritti biss minn kumpanija sussidjarja stabbilita fl-UE jew minn fergħa stabbilita fil-Ġermanja.
Miżuri Eżistenti:	§§ 105 ff "Versicherungsaufsichtsgesetz" (VAG), insbesondere § 105 Abs. 2 VAG: „Versicherungsunternehmen eines Drittstaates, die im Inland das Erst- oder Rückversicherungsgeschäft durch Mittelspersonen betreiben wollen, bedürfen der Erlaubnis.“

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Assigurazzjoni
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji
Deskrizzjoni:	**Servizzi finanzjarji** Jekk kumpanija tal-assigurazzjoni barranija stabbiliet fergħa fil-Ġermanja, din tista' tikkonkludi kuntratti tal-assigurazzjoni fil-Ġermanja dwar trasport internazzjonali biss permezz tal-fergħa stabbilita fil-Ġermanja.
Miżuri Eżistenti:	§ 43 Abs. 2 Luftverkehrsgesetz (LuftVG) und § 105 Abs. 1 Luftverkehrszulassungsordnung (LuftVZO)

Settur:	Servizzi oħra ta' negozju
Sottosettur:	Servizzi ta' kollokament u ta' forniment ta' persunal
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87201, CPC 87202, CPC 87203, CPC 87204, CPC 87205, CPC 87206, CPC 87209
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Ġermanja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' tiftix eżekuttiv u tal-forniment tas-servizzi. Il-Ġermanja tirriżerva d-dritt li tirrestrinġi n-numru ta' fornituri ta' servizzi ta' kollokament. L-awtorizzazzjoni hija suġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: is-sitwazzjoni u l-iżvilupp tas-suq tax-xogħol. Il-Ġermanja tirriżerva d-dritt li tintroduċi jew iżżomm monopolju tal-Aġenzija Federali tal-Impjieg (*Bundesagentur für Arbeit*). Skont l-Art. 292 tal-Kodiċi Soċjali Nru. III (*Drittes Buch Sozialgesetzbuch – SGB III*), il-Ministeru Federali tal-Impjieg u l-Kwistjonijiet Soċjali jista' joħroġ regolament dwar il-kollokament u r-reklutaġġ ta' persunal barra l-UE u ta' persunal barra ż-ŻEE għal professjonijiet speċifikati.
Miżuri Eżistenti:	Art. 42 tar-Regolament dwar l-Impjieg (Beschäftigungsverordnung)

Settur:	Servizzi tas-saħħa u servizzi soċjali
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 93

Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-Ġermanja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-Sistema tas-Sigurtà Soċjali tal-Ġermanja, fejn is-servizzi jistgħu jiġu pprovduti minn kumpaniji jew entitajiet differenti li jinvolvu elementi kompetittivi li b'hekk mhumiex "Servizzi mwettqa esklussivament fl-eżerċizzju ta' awtorità governattiva". Il-Ġermanja tirriżerva d-dritt li tagħti trattament aħjar fil-kuntest ta' ftehim kummerċjali bilaterali fir-rigward tal-forniment tas-servizzi tas-saħħa u s-servizzi soċjali.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi soċjali
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 933
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi

Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-Ġermanja tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi soċjali ffinanzjati privatament barra minn servizzi relatati mad-Djar ta' Konvalexxenza u Mistrieħ u d-Djar għall-Anzjani. Il-Ġermanja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura li tirrigwarda s-Sistema tas-Sigurtà Soċjali tal-Ġermanja, fejn is-servizzi huma pprovduti minn kumpaniji jew entitajiet differenti li jinvolvu elementi kompetittivi u jistgħu b'hekk ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' *"Servizzi mwettqa esklussivament fl-eżerċizzju ta' awtorità governattiva"*.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	Servizzi ta' sptar
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	93110
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-Ġermanja tirriżerva d-dritt li żżomm s-sjieda nazzjonali ta' sptarijiet iffinanzjati privatament u operati mill-Forzi Ġermaniżi. Il-Ġermanja tirriżerva d-dritt li tinnazzjonalizza sptarijiet prinċipali oħra ffinanzjati privatament.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi rikreazzjonali, kulturali u sportivi
Sottosettur:	Servizzi ta' divertiment, inkluż servizzi ta' teatru, daqq live minn bands u ċirku.
	Libreriji, arkivji u mużewijiet u servizzi kulturali oħra
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 96,barra minn CPC 962 u CPC 964 u servizzi awdjoviżivi
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
	Trattament nazzjonali
	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
	Rekwiżiti ta' prestazzjoni
	Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi**
	Il-Ġermanja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura li tipprojbixxi l-forniment transfruntier ta' servizzi irrispettivament mill-mod tagħhom ta' produzzjoni, distribuzzjoni, jew trażmissjoni u li tirrikjedi stabbiliment fir-rigward ta' servizzi ta' divertiment, bl-eċċezzjoni ta' servizzi awdjoviżivi li mhumiex suġġetti għal liberalizzazzjoni taħt dan il-ftehim.
	Il-Ġermanja tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' libreriji, arkivji, mużewijiet u servizzi kulturali oħra.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Enerġija
Sottosettur:	Ġenerazzjoni tal-elettriku bbażat fuq in-nukleari
	Ipproċessar ta' materjal nukleari u fjuwil
	Trasport jew ipproċessar ta' materjal nukleari

Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 120, ISIC rev 3.1 40, CPC 887
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Ġermanja tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward tal-ipproċessar jew it-trasport ta' materjal nukleari u l-ġenerazzjoni tal-enerġija bbażata fuq in-nukleari.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Il-kiri jew il-lokazzjoni ta' bastimenti
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7213, CPC 7223, CPC 83103
Tip ta' Riżerva:	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-kiri ta' vapuri barranin minn konsumaturi residenti fil-Ġermanja jista' ikun suġġett għal kundizzjoni ta' reċiproċità.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi oħra mhux inklużi x'imkien ieħor
Sottosettur:	Servizzi funerarji, kremazzjoni u servizzi tat-twiebet
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 9703

Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Ġermanja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward ta' servizzi funerarji, kremazzjoni u servizzi tat-twiebet. Biss il-persuni ġuridiċi stabbiliti skont il-liġi pubblika jistgħu joperaw ċimiterju. Il-ħolqien u it-tħaddim ta' ċimiterji u servizzi relatati ma' funerali jitwettqu bħala servizzi governattivi.
Miżuri Eżistenti:	

Riżervi applikabbli fil-Ġreċja

Settur:	Servizzi soċjali
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 933
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-Greċja tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi soċjali ffinanzjati privatament barra minn servizzi relatati mad-Djar ta' Konvalexxenza u Mistrieħ u d-Djar għall-Anzjani.
Miżuri Eżistenti:	

Riżervi applikabbli fl-Ungerija

Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-Ungerija tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-akkwist ta' proprjetajiet tal-gvern.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	Entitajiet ġuridiċi
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Miżuri:	
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-preżenza kummerċjali għandha tieħu l-forma ta' kumpanija b'responsabbiltà limitata, kumpannija b'ishma konġunti jew uffiċċju rappreżentattiv. Dħul inizjali bħala fergħa mhuwiex permess bl-eċċezzjoni ta' servizzi finanzjarji.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	Akkwiżizzjoni ta' art li tinħadem
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-Ungerija tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-akkwist ta' art li tinħadem minn persuni ġuridiċi u persuni fiżiċi mhux residenti, inkluż fir-rigward tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni għall-akkwist ta' art li tinħadem.
Miżuri Eżistenti:	Att LV tal-1994 dwar l-Art li Tinħadem

Settur:	Agrikoltura
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 011, ISIC rev 3.1 012, ISIC rev 3.1 013, ISIC rev 3.1 014, ISIC rev 3.1 015, barra minn servizzi ta' pariri u ta' konsultazzjoni
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-Ungerija tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward ta' attivitajiet ta' agrikoltura.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Kontabbiltà, żamma tal-kotba u servizzi ta' awditjar
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 86211, CPC 86212, CPC 86220
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** L-Ungerija tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward ta' attivitajiet transfruntiera għal kontabbiltà, żamma tal-kotba u servizzi ta' awditjar.
Miżuri Eżistenti:	Att C tal-2000, Att LXXV tal-2007

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' proprjetà immobbli
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 821, CPC 822
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** L-Ungerija tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward ta' forniment transfruntier ta' servizzi ta' proprjetà immobbli.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Serviżżi inċidentali għall-manifattura Serviżżi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 884, CPC 887 apparti servizzi ta' pariri u ta' konsultazzjoni
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** L-Ungerija tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward ta' servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija, u għall-forniment transfruntier ta' servizzi inċidentali għall-manifattura, bl-eċċezzjoni ta' servizzi ta' pariri u ta' konsultazzjoni relatati ma' dawn is-setturi.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' sigurtà
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87304, CPC 87305
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** L-Ungerija tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' vetturi korazzati u servizzi tal-għassa.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Sevizzi ta’ duplikazzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87904
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' servizzi** L-Ungerija tirriżerva d-dritt li tirrikjedi stabbiliment għall-forniment ta' sevizzi ta’ duplikazzjoni.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Assigurazzjoni
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji
Deskrizzjoni:	**Servizzi finanzjarji** Il-forniment ta' assigurazzjoni diretta fit-territorju tal-Ungerija minn kumpaniji tal-assigurazzjoni mhux stabbilita fl-UE huwa permess biss permezz tal-uffiċċju tal-fergħa rreġistrat fl-Ungerija.
Miżuri Eżistenti:	Att LX tal-2003

Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	Servizzi ta' sptar, ambulanza u servizzi tas-saħħa residenzjali apparti minn servizzi fi sptar

Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 9311, CPC 93192, CPC 93193
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** L-Ungerija tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura li tirrikjedi l-istabbiliment jew il-preżenza fiżika fit-territorju ta' fornituri tagħha u li tirrestrinġi l-forniment transfruntier barra mit-territorju tagħha ta' servizzi ta' sptar, ambulanza u servizzi tas-saħħa residenzjali apparti minn servizzi fi sptar, li jirċievu finanzjament pubbliku.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi soċjali
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 933
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-Ungerija tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi soċjali ffinanzjati privatament.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi rikreazzjonali, kulturali u aġenziji sportivi
Sottosettur:	Servizzi ta' aġenziji tal-aħbarijiet u tal-istampa
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 962
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** L-Ungerija tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' aġenziji tal-aħbarijiet u tal-istampa.
Miżuri Eżistenti:	Ebda

Settur:	Manifattura tal-elettriku, forniment tal-gass u l-ilma
Sottosettur:	Ġenerazzjoni ta' elettriku bbażata fuq in-nukleari Ipproċessar ta' fjuwil nukleari
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 2330, parti minn ISIC rev 3.1 4010
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-Ungerija tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-ipproċessar ta' fjuwil nukleari u l-ġenerazzjoni tal-elettriku bbażata fuq in-nukleari.
Miżuri Eżistenti:	Att CXVI tal-1996 dwar l-Enerġija Nukleari, Digriet tal-Gvern Nru 72/2000 dwar l-Enerġija Nukleari

Settur:	Servizzi ta' enerġija
Sottosettur:	Trasport bil-pajpline tal-fjuwil
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7131
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-forniment ta' servizzi ta' trasport bil-pajp jirrikjedi stabbiliment. Is-servizzi jistgħu jiġu pprovduti permezz ta' Kuntratt ta' Konċessjoni mogħti mill-Istat jew l-awtorita' lokali. Il-forniment ta' dan is-servizz huwa rregolat mil-Liġi ta' Konċessjoni Ungeriża.
Miżuri Eżistenti:	Att XVI tal-1991 dwar il-Konċessjonijiet

Riżervi applikabbli fl-Irlanda

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Tiftix eżekuttiv Servizzi ta' forniment tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87201, CPC 87203
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** L-Irlanda tirriżerva d-dritt li tirrikjedi stabbiliment u li tipprojbixxi l-forniment transfruntier ta' servizzi ta' tiftix eżekuttiv. L-Irlanda tirriżerva d-dritt li tirrikjedi stabbiliment u li tipprojbixxi l-forniment transfruntier ta' provvista ta' servizzi ta' persunal ta' sostenn għall-uffiċċju.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi soċjali
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 933
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi

Deskrizzjoni:	**Investiment** L-Irlanda tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi soċjali ffinanzjati privatament barra minn servizzi relatati mad-Djar ta' Konvalexxenza u Mistrieħ u d-Djar għall-Anzjani.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Trasport
Sottosettur:	Trasport bit-triq trasport ta' passiġġieri
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7121, CPC 7122
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment** Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal servizzi ta’ karozzi tal-linja bejn belt u oħra. Kriterji ewlenin: in-numru u l-impatt fuq stabbilimenti eżistenti, densità tal-popolazzjoni, firxa ġeografika, impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u ħolqien tax-xogħol ġdid.
Miżuri Eżistenti:	Att tal-2009 dwar ir-Regolament tat-Trasport Pubbliku

Riżervi applikabbli fl-Italja

Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-Gvern jista' jeżerċita' ċerti setgħat speċjali f'intrapriżi li joperaw fl-oqsma tad-difiża u s-sikurezza nazzjonali, u f'ċerti attivitajiet ta' importanza strateġika fl-oqsma tal-enerġija, it-trasport u l-komunikazzjonijiet. Dan jirrigwarda l-persuni ġuridiċi kollha li jwettqu attivitajiet ta' importanza strateġika fl-oqsma tad-difiża u tas-sikurezza nazzjonali, mhux biss għall-kumpaniji privatizzati. Fejn ikun hemm theddida ta' dannu serju għall-interessi essenzjali tad-difiża u tas-sikurezza nazzjonali, il-Gvern għandu s-segwenti setgħat speċjali: (a) li jimponi kundizzjonijiet speċifiċi fix-xiri ta' ishma; (b) li jagħmel veto għall-adozzjoni ta' riżoluzzjonijiet relatati ma' operazzjonijiet speċjali bħal trasferimenti, merger, qsim u tibdiliet fl-attività. jew (c) jiċħad l-akkwist ta' ishma, fejn ix-xerrej jipprova jżomm livell ta' parteċipazzjoni fil-kapital li x'aktarx jippreġudika l-interessi tad-difiża u s-sikurezza nazzjonali. Kull riżoluzzjoni, att u tranżazzjoni (trasferimenti, merger, qsim, tibdil fl-attività, terminazzjoni) relatata ma' assijiet strategiċi fl-oqsma tal-enerġija, it-trasport u l-komunikazzjonijiet tkun innotifikata mill-kumpanija kkonċernata lill-uffiċċju tal-Prim Ministru. B'mod partikolari, l-akkwiżizzjonijiet minn kull persuna fiżika jew ġuridika barra l-UE li jagħtu lil din il-persuna kontroll fuq il-kumpanija tkun innotifikata.

	Il-Prim Ministru jista' jeżerċita' s-segwenti setgħat speċjali: (a) li jagħmel veto għal kull riżoluzzjoni, att u tranżazzjoni li tikkostitwixxi theddida eċċezzjonali ta' dannu serju lill-interess pubbliku fis-sigurtà u l-operazzjoni ta' netwerks u fornimenti; (b) li jimponi kundizzjonijiet speċifiċi sabiex jiġi ggarantit l-interess pubbliku; jew (c) li jiċħad akkwist f'każijiet eċċezzjonali ta' riskju għall-interessi essenzjali tal-Istat. Il-kriterji li fuqhom tiġi evalwata t-theddida reali jew eċċezzjonali u l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat speċjali huma mniżżla fil-liġi.
Miżuri Eżistenti:	Il-Liġi 56/2012 dwar is-setgħat speċjali f'kumpaniji li joperaw fil-qasam tad-difiża u s-sikurezza nazzjonali, l-enerġija, it-trasport u l-komunikazzjonijiet. Id-Digriet tal-Prim Ministru DPCM 253 tat-30.11.2012 li jiddefinixxi l-attivitajiet ta' importanza strateġika fil-qasam tad-difiża u s-sikurezza nazzjonali
Settur:	Sajd Akkwakultura Serviżżi inċidentali għas-sajd
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 0501, ISIC rev 3.1 0502, CPC 882
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali

Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi**
	Is-sajd fl-ibħra territorjali tal-Italja huwa riżervat għal bastimenti li jtajru l-bandiera Taljana.
Miżuri Eżistenti:	Digriet Reali 327/1942 (emendat bil-Liġi 222/2007), art. 143, 221 (Kodiċi ta' Navigazzjoni)
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' kollokament
	Servizzi ta' forniment tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87202, CPC 87203
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
	Trattament nazzjonali
	Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi**
	L-Italja tirriżerva d-dritt li tirrikjedi stabbiliment u li tipprojbixxi l-forniment transfruntier ta' provvista ta' servizzi ta' persunal ta' sostenn għall-uffiċċju.
	L-Italja tirriżerva d-dritt li tirrestrinġi n-numru ta' fornituri ta' servizzi ta' kollokament u ta' provvista ta' servizzi ta' persunal ta' sostenn għall-uffiċċju.
Miżuri Eżistenti:	Digriet Leġiżlattiv 276/2003 artikoli 4, 5
Settur:	Servizzi edukattivi
Sottosettur:	Servizzi ta' edukazzjoni bażika
	Servizzi ta' edukazzjoni sekondarja
	Servizzi ta' edukazzjoni għolja

Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 921, CPC 922, CPC 923
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** L-Italja tirriżerva d-dritt li tirrikjedi stabbiliment u li tirrestringi l-forniment transfruntier ta' servizzi tal-edukazzjoni bażika u sekondarja ffinanzjati privatament.
Miżuri Eżistenti:	Digriet Reali 1592/1933 (Liġi dwar l-edukazzjoni sekondarja) Liġi 243/1991 (Kontribuzzjoni pubblika okkażjonali għal universitajiet privati) Riżoluzzjoni 20/2003 ta' CNVSU (Comitato nazionale per la valutazione del sistema universitario) Digriet tal-President tar-Repubblika (DPR) 25/1998
Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u finanzjarji oħra (bl-eċċezzjoni ta' assigurazzjoni)
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji
Deskrizzjoni:	**Servizzi finanzjarji** L-Italja tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura relatata mal-attivitajiet ta' "*promotori di servizi finanziari*".
Miżuri Eżistenti:	Artikoli 91-111 tar-Regolament Consob dwar l-Intermedjarji (nru 16190 tad-29 ta' Ottubru 2007)

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Assigurazzjoni
Tip ta' Riżerva:	Forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji
Deskrizzjoni:	**Servizzi finanzjarji** L-assigurazzjoni tat-trasport ta' prodotti, l-assigurazzjoni ta’ vetturi *per se* u l-assigurazzjoni ta’ responsabilità ċivili dwar riskji li hemm fl-Italja jistgħu jkunu sottoskritti biss minn kumpaniji ta' assigurazzjoni stabbiliti fl-UE, barra minn trasport internazzjonali li jinvolvi importazzjonijiet fl-Italja.
Miżuri Eżistenti:	Art. 29 tal-kodiċi ta' assigurazzjoni privata (Digriet Leġiżlattiv nru. 209 tas-7 ta' Settembru 2005)

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Assigurazzjoni
Tip ta' Riżerva:	Forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji
Deskrizzjoni:	**Servizzi finanzjarji** L-Italja tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura li tirrikjedi stabbiliment u limitazzjoni ta' forniment transfruntier ta' servizzi attwarji.
Miżuri Eżistenti:	Liġi 194/1942 dwar il-professjoni attwarja

Settur:	Servizzi soċjali
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 933

Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-Italja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi soċjali ffinanzjati privatament barra minn servizzi relatati mad-Djar ta' Konvalexxenza u Mistrieħ u d-Djar għall-Anzjani.
Miżuri Eżistenti:	Liġi 833/1978 Istituzzjoni tas-sistema tas-saħħa pubblika Digriet Leġiżlattiv 502/1992 Organizzazzjoni u dixxiplina tal-qasam tas-saħħa Liġi 328/2000 Riforma ta' servizzi soċjali
Settur:	Trasport
Sottosettur:	Trasport bit-triq trasport tal-passiġġieri, trasport tal-merkanzija, servizzi ta' trasport internazzjonali bit-trakkijiet
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 712
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment** Jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għas-servizzi tal-limousine. Kriterji ewlenin: in-numru u l-impatt fuq stabbilimenti eżistenti, densità tal-popolazzjoni, firxa ġeografika, impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u ħolqien tax-xogħol ġdid.

	Jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal servizzi ta’ karozzi tal-linja bejn belt u oħra. Kriterji ewlenin: in-numru u l-impatt fuq stabbilimenti eżistenti, densità tal-popolazzjoni, firxa ġeografika, impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u ħolqien tax-xogħol ġdid. Jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal forniment ta' servizzi ta’ trasport ta' merkanzija. Kriterji ewlenin: domanda lokali.
Miżuri Eżistenti:	Digriet leġiżlattiv 285/1992 (Kodiċi tat-Triq u emendi sussegwenti) art. 85 Digriet leġiżlattiv 395/2000 art. 8 (trasport bit-triq ta' passiġġieri) Liġi 21/1992 (Liġi Qafas dwar trasport pubbliku mhux skedat ta' passiġġieri) Liġi 218/2003 art. 1 (trasport ta' passiġġieri permezz ta' karozzi tal-linja mikrija bix-xufier) Liġi 151/1981 (Liġi Qafas dwar trasport pubbliku lokali)

Riżervi applikabbli fil-Latvja

Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	Akkwiżizzjoni ta' art rurali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-Latvja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-akkwist ta' art rurali minn ċittadini tal-Kanada jew ta' pajjiż terz, inkluż fir-rigward tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni għall-akkwist ta' art rurali.
Miżuri Eżistenti:	Liġi dwar il-privatizzazzjoni tal-art f'żoni rurali, artikoli 28, 29, 30.

Settur:	Servizzi veterinarji
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 932
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Latvja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura relatata mal-forniment transfruntier ta' servizzi veterinarji.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Tiftix eżekuttiv Servizzi ta' kollokament Servizzi ta' forniment tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87201, CPC 87202, CPC 87203
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Latvja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' tiftix eżekuttiv, servizzi ta' kollokament u tal-forniment tas-servizzi tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' sigurtà
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87302, CPC 87303, CPC 87304, CPC 87305, CPC 87309
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi

Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Latvja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' sigurtà. Jista' jkun hemm rekwiżiti ta' liċenzjar u ta' awtorizzazzjoni. Il-preżenza ta' residenza jew ta' preżenza kummerċjali hija mitluba u jistgħu japplikaw rekwiżiti ta' nazzjonalità.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Trasport
Sottosettur:	Trasport bit-triq trasport tal-passiġġieri, trasport tal-merkanzija, servizzi ta' trasport internazzjonali bit-trakkijiet
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 712
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Investiment** Għal servizzi ta' trasport ta' passiġġieri u ta' merkanzija, jeħtieġ awtorizzazzjoni, li mhijiex estiża għal vetturi rreġistrati barra mill-pajjiż. L-entitajiet stabbiliti huma rikjesti jużaw vetturi nazzjonali rreġistrati.
Miżuri Eżistenti:	

Riżervi applikabbli fil-Litwanja

Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-Litwanja tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward ta' intrapriżi ta' importanza strateġika għas-sikurezza nazzjonali li għandhom jappartjenu lill-Istat bid-dritt ta' sjieda (il-proporzjon tal-kapital li jista' jkun ikkontrollat minn persuni privati nazzjonali jew barranin f'konformità mal-interessi ta' sikurezza nazzjonali, proċedura u kriterji għad-determinazzjoni tal-konformità ta' investituri potenzjali nazzjonali u parteċipanti imprenditorjali potenzjali, eċċ).
Miżuri Eżistenti:	Liġi dwar l-Impriżi u Faċilitajiet ta' Importanza Strateġika għas-Sikurezza Nazzjonali u Impriżi Oħra ta' Importanza għall-Iżgurar ta' Sikurezza Nazzjonali tar-Repubblika tal-Litwanja tal-21 ta' Lulju 2009 Nru. XI-375.

Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	Xiri tal-art
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	

Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Litwanja tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura li tkun konsistenti mal-impenji meħuda mill-UE u li huma applikabbli fil-Litwanja fil-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS) fir-rigward tal-akkwist tal-art. Il-proċedura, termini u kundizzjonijiet kif ukoll ir-restrizzjonijiet tal-akkwist tal-plot tal-art, jkunu stabbiliti mil-Liġi Kostituzzjonali, il-Liġi dwar l-Art u l-Liġi dwar l-Akwiżizzjoni ta' Art Agrikola. Madankollu, il-gvernijiet lokali (muniċipalitajiet) u entitajiet nazzjonali oħra tal-Membri tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi u l-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana li jwettqu attivitajiet ekonomiċi fil-Litwanja, li huma speċifikati mil-liġi kostituzzjonali f'konformità mal-kriterji ta' integrazzjoni Ewropea jew oħra li l-Litwanja tkun approvat, jitħallew jakkwistaw plots tal-art meħtieġa għal kostruzzjoni u t-tħaddim ta' bini u faċilitajiet neċessarji għall-attivitajiet diretti tagħhom.
Miżuri Eżistenti:	Il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Litwanja Il-Liġi tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Litwanja dwar l-Implementazzjoni tal-Paragrafu 3 tal-Art. 47 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Litwanja tal-20 ta' Ġunju 1996, Nru I-1392 kif emendat l-aħħar fl-20 ta' Marzu 2003, Nru IX-1381 Il-Liġi dwar l-art,tas-27 ta' Jannar 2004, Nru IX-1983 Il-liġi dwar l-akkwist ta' art agrikola tal-24 ta' April 2014, Nru XII-854

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizz legali
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 861
Tip ta' Riżerva:	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** L-avukati minn pajjiżi barranin jistgħu jipparteċipaw bħala avukati fil-qorti biss f'konformità ma' ftehimiet bilaterali dwar l-assistenza legali.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Tiftix eżekuttiv Servizzi ta' kollokament Servizzi ta' forniment tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87201, CPC 87202, CPC 87203
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Litwanja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' tiftix eżekuttiv, servizzi ta' kollokament u tal-forniment tas-servizzi tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' sigurtà
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87302, CPC 87303, CPC 87304, CPC 87305, CPC 87309
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Litwanja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' sigurtà. Jista' jkun hemm rekwiżiti ta' liċenzjar u ta' awtorizzazzjoni. Hi mitluba residenza jew preżenza kummerċjali u jistgħu jeżistu rekwiżiti ta' nazzjonalità.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' investigazzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87301
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment** Fil-Litwanja, is-servizzi ta' investigazzjoni huma monopolju riżervat għall-Istat.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	It-turiżmu u s-servizzi relatati mal-ivvjaġġar
Sottosettur:	Servizzi ta' gwidi turistiċi
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7472
Tip ta' Riżerva:	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Sa fejn il-Kanda u l-provinċji u t-territorji tagħha jippermettu liċ-ċittadini tal-Litwanja sabiex jipprovdu servizzi ta' gwida tat-turisti, il-Litwanja tippermetti liċ-ċittadini tal-Kanada sabiex jipprovdu servizzi ta' gwida tat-turisti taħt l-istess kundizzjonijiet.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Telekomunikazzjonijiet
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** L-Intrapriża tal-Istat “Infostruktura” għandha drittijiet esklussivi sabiex tipprovdi s-servizzi segwenti: it-trażmissjoni tad-dejta permezz ta' netwerks ta’ trażmissjoni tal-Istat li huma sikuri, l-għoti ta' indirizzi tal-internet li jispiċċaw b'“gov.lt”, ċertifikazzjoni ta' reġistri elettroniċi tal-flus.
Miżuri Eżistenti:	Riżoluzzjoni tal-Gvern tat-28 ta' Mejju 2002 Nru 756 dwar l-approvazzjoni tal-proċedura standard għall-issettjar ta' prezzijiet u tariffi ta' prodotti u servizzi ta' natura monopolistika pprovduti minn intrapriżi tal-istat u istituzzjonijiet pubbliċi stabbiliti minn ministeri, istituzzjonijiet tal-gvern u gvernaturi ta' kontea u assenjati lilhom.

Settur:	Servizzi ta' kostruzzjoni
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 51
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Miżuri:	Il-Liġi dwar il-Kostruzzjoni tar-Repubblika tal-Litwanja tad-19 ta' Marzu 1996 Nru I-1240
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Id-dritt li titħejja dokumentazzjoni ta' disinn għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni ta' sinifikat eċċezzjonali jingħata biss lill-impriża tad-disinni rreġistrata fil-Litwanja, jew impriża barranija tad-disinni li ġiet approvata minn istituzzjoni awtorizzata mill-Gvern għat-tali attivitajiet. Id-dritt għat-twettiq ta' attivitajiet tekniċi fl-oqsma prinċipali tal-kostruzzjoni jista' jingħata lil persuna li mhijiex Litwana li tkun ġiet approvata minn istituzzjoni awtorizzata mill-Gvern tal-Litwanja.
Miżuri Eżistenti:	Il-Liġi dwar il-Kostruzzjoni tar-Repubblika tal-Litwanja tad-19 ta' Marzu 1996 Nru I-1240

Settur:	Servizzi soċjali
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 933
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Litwanja tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment transfruntier tas-servizzi soċjali kollha li jirċievu finanzjament pubbliku jew sostenn mill-Istat f'kull forma, u għalhekk mhumiex meqjusa bħala li huma ffinanzjati privatament.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u finanzjarji oħra (bl-eċċezzjoni ta' assigurazzjoni)
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	

Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi Trattament Nazzjonali
Miżuri:	Il-Liġi dwar il-Banek tar-Repubblika tal-Litwanja tat-30 ta' Marzu 2004 Nru IX-2085 Il-Liġi dwar l-Intrapriżi għal Investiment Kollettiv tar-Repubblika tal-Litwanja tal-4 ta' Lulju 2003 Nru IX-1709 Il-Liġi dwar l-Akkumulazzjoni Addizzjonali Volontarja tal-Pensjoni tar-Repubblika tal-Litwanja tat-3 ta' Ġunju 1999 Nru VIII-1212
Deskrizzjoni:	**Servizzi finanzjarji** Għall-għanijiet ta' mmaniġġjar ta' assi, hi mitluba l-inkorporazzjoni bħala kumpanija ta' maniġment speċjalizzata (ebda fergħat). Il-banek biss li għandhom l-uffiċċju rreġistrat jew fergħa fil-Litwanja jistgħu jaġġixxu bħala d-depożitanti tal-assi ta' fond ta' investiment. Il-banek biss li għandhom l-uffiċċju reġistrat jew fergħa fil-Litwanja u huma awtorizzati li jipprovdu servizzi ta’ investiment fl-Istati Membri tal-UE jew fl-Istati Membri taż-ŻEE jistgħu jaġixxu bħala depożitanti tal-assi ta' fondi ta’ pensjoni. Tal-inqas kap wieħed mill-amministrazzjoni ta' bank irid jitkellem il-lingwa Litwana u jirrisjedi b'mod permanenti fil-Litwanja.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi ta' enerġija
Sottosettur:	Trasport bil-pajpline tal-fjuwil
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7131
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq

Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Litwanja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tat-trasport bil-pajpline tal-fjuwil.
Miżuri Eżistenti:	Il-Liġi dwar il-Gass Naturali tar-Repubblika tal-Litwanja tal-10 ta' Ottubru 2000 Nru VIII-1973
Settur:	Enerġija
Sottosettur:	Servizzi ta' ħżin u magażinaġġ ta' fjuwil ittrasportat bil-pajplines
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 402, CPC 742
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Litwanja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward ta' servizzi awżiljarji għat-trasport bil-pajpline ta' prodotti barra mill-fjuwil.
Miżuri Eżistenti:	Il-Liġi dwar il-Gass Naturali tar-Repubblika tal-Litwanja tal-10 ta' Ottubru 2000 Nru VIII-1973 (Art 10.8)
Settur:	Servizzi kummerċjali Servizzi awżiljari għal trasport marittimu, passaġġi interni fuq l-ilma, trasport bil-ferrovija u bl-ajru.
Sottosettur:	Servizz ta' manutenzjoni u tiswija ta' bastimenti, tagħmir tat-trasport bil-ferrovija u bl-ajru u partijiet minnu
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 86764, CPC 86769, CPC 8868

Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment** Fil-Litwanja, is-servizzi ta' manutenzjoni u ta' tiswija ta' tagħmir tat-trasport bil-ferrovija huma suġġetti għal monopolju tal-Istat.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Trasport bit-triq
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7121, CPC 7122, CPC 7123
Tip ta' Riżerva:	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-miżuri li jittieħdu taħt ftehimiet bilaterali u li jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet għal servizzi tat-trasport u jispeċifikaw kundizzjonijiet ta' tħaddim, inkluż tranżitu bilaterali u permessi oħra ta' trasport għal servizzi ta' trasport fi, ġewwa jew barra mit-territorju tal-Litwanja lill-partijiet kontraenti kkonċernati, u taxxi jew miżati tat-triq.
Miżuri Eżistenti:	

Riżervi applikabbli f'Malta

Settur:	Sajd Akkwakultura Serviżżi inċidentali għas-sajd
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 0501, ISIC rev 3.1 0502, CCP 882
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Investiment** Għall-iskopijiet tar-reġistrazzjoni u l-liċenzjar ta' bastiment tas-sajd, is-sid jew il-kaptan tal-bastiment tas-sajd għandu jkun residenti f'Malta, skont it-termini tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Proprjetà Immobbli (Akkwiżizzjoni minn Nonresidenti).
Miżuri Eżistenti:	Art. 5 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 425.07 dwar ir-Regolamenti dwar il-Bastimenti tas-Sajd.

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Tiftix eżekuttiv Servizzi ta' kollokament Servizzi ta' forniment tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87201, CPC 87202, CPC 87203

Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Malta tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-istabbiliment tas-servizzi ta' kollokament tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju. Malta tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' tiftix eżekuttiv u tal-forniment tas-servizzi tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' sigurtà
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87302, CPC 87303, CPC 87304, CPC 87305, CPC 87309
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Malta tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' sigurtà. Jista' jkun hemm rekwiżiti ta' liċenzjar u ta' awtorizzazzjoni. Il-preżenza ta' residenza jew ta' preżenza kummerċjali hija mitluba u jistgħu japplikaw rekwiżiti ta' nazzjonalità.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi edukattivi
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 921, CPC 922, CPC 923, CPC 924
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Malta tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' edukazzjoni primarja, sekondarja u ogħla, u servizzi ta' edukazzjoni għall-adulti ffinanzjati privatament.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	Servizzi ta' sptar Servizzi tal-ambulanza Servizzi residenzjali tas-saħħa apparti servizzi fi sptar
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 9311, CPC 93192, CPC 93193
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi

Deskrizzjoni:	**Investiment** Malta tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' sptar, tal-ambulanza u servizzi tas-saħħa residenzjali ffinanzjati privatament barra minn servizzi ta' sptar.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	Servizzi professjonali tas-saħħa servizzi mediċi u dentali, servizzi ta' qabla, infermiera, servizzi psikoterapewtiċi, servizzi ta' paramediċi u psikologi
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 9312, parti minn CPC 9319
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Din ir-riżerva tapplika għal servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, inkluż is-servizzi pprovduti minn professjonisti bħal tobba, dentisti, qwiebel, infermiera, fiżjoterapisti, paramediċi u psikologi. F'Malta, dawn is-servizzi jistgħu jiġu pprovduti biss minn ċittadini ta' Stat Membru tal-UE li għandhom awtorizzazzjoni preliminari, li jistgħu jkunu suġġetti għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi (ENT).
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi soċjali
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 933
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** Malta tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi soċjali ffinanzjati privatament.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi ta' trasport
Sottosettur:	Trasport bit-triq
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 712
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Servizz pubbliku tal-karozzi tal-linja In-netwerk kollu huwa suġġett għal konċessjoni li tinkludi ftehim dwar Obbligu ta' Servizz Pubbliku (OSP) sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni ċerti setturi soċjali (bħall-istudenti u l-anzjani).
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Trasport
Sottosettur:	Trasport bl-ilma Servizzi ta' sostenn għal trasport bl-ilma
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPS 7213, CPC 7214, parti minn 742, CPC 745, parti minn CPC 749
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Obbligi
Deskrizzjoni:	**Investiment, Negozju Transfruntier ta' Servizzi u Servizzi ta' Trasport Marittimu Internazzjonali** Jeżistu drittijiet esklussivi għar-rabta marittima għall-Ewropa kontinentali permezz tal-Italja ma' Malta.
Miżuri Eżistenti:	

Riżervi applikabbli fin-Netherlands

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' forniment tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87203
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** In-Netherlands tirriżerva d-dritt li tirrikjedi stabbiliment u li tipprojbixxi l-forniment transfruntier ta' provvista ta' servizzi ta' sostenn għall-persunal tal-uffiċċju.
Miżuri Eżistenti:	

Riżervi applikabbli fil-Polonja

Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-kundizzjonijiet preferenzjali għal stabbiliment jew il-forniment transfruntier ta' servizzi, li jistgħu jinkludu l-eliminazzjoni jew l-emenda ta' ċerti restrizzjonijiet inklużi fil-lista ta' riżervi applikabbli fil-Polonja, jistgħu jiġu estiżi permezz ta' trattati ta' kummerċ u ta' navigazzjoni.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Sajd Akkwakultura Serviżżi inċidentali għas-sajd
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 0501, ISIC rev 3.1 0502, CPC 882
Tip ta' Riżerva:	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit

Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi**
	Il-Polonja tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura li tagħti trattament differenzjali lil servizzi u fornituri ta' servizzi ta' pajjiż skont ftehimiet bilaterali eżistenti jew futuri relatati mas-sajd fiż-żona ġeografika tal-peskereġġi li jaqgħu fi ħdan il-ġuriżdizzjoni tal-pajjiżi involuti, f'konformità mal-prattiki u politiki internazzjonali ta' konservazzjoni jew ftehimiet dwar il-peskereġġi, b'mod partikolari l-baċir tal-Baħar Baltiku.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Tiftix eżekuttiv Servizzi ta' kollokament Servizzi ta' forniment tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87201, CPC 87202, CPC 87203
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi**
	Il-Polonja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-istabbiliment tas-servizzi ta' kollokament tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju. Il-Polonja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' tiftix eżekuttiv u tal-forniment tas-servizzi tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' sigurtà
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87302, CPC 87303, CPC 87304, CPC 87305, CPC 87309
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Polonja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' sigurtà. Jista' jkun hemm rekwiżiti ta' liċenzjar u ta' awtorizzazzjoni. Il-preżenza ta' residenza jew ta' preżenza kummerċjali hija mitluba u jistgħu japplikaw rekwiżiti ta' nazzjonalità.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	Servizzi tal-ambulanza
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 93192
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-Polonja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' ambulanza.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi soċjali
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 933
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-Polonja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi soċjali ffinanzjati privatament.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Trasport
Sottosettur:	Is-servizz ta' trasport ta' passiġġieri u ta' merkanzija barra minn trasport marittimu
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	Parti minn CPC 711, parti minn CPC 712, parti minn CPC 722
Tip ta' Riżerva:	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Safejn il-Kanada u l-provinċji u t-territorji tagħha jippermettu l-forniment ta' servizzi ta' trasport fit-territorju tal-Kanada minn fornituri tat-trasport ta' passiġġieri u ta' merkanzija tal-Polonja, il-Polonja tippermetti l-forniment ta' servizzi ta' trasport ta' passiġġieri u ta' merkanzija fit-territorju tal-Polonja taħt l-istess kundizzjonijiet.
Miżuri Eżistenti:	

Riżervi applikabbli fil-Portugall

Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Portugall jirriżerva d-dritt li jirrinunżja għar-rekwiżiti ta' ċittadinanza għall-eżerċizzju ta' ċerti attivitajiet u professjonijiet minn persuni fiżiċi li jipprovdu servizzi għal pajjiżi li fihom il-Portugiż hija l-lingwa uffiċjali tagħhom (l-Angola, il-Brażil, Cape Verde, il-Guinea-Bissau, il-Mozambique u São Tomé u Principe).
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' awditjar
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 86211, CPC 86212 barra minn servizzi tal-kontabilità
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Portugall jirriżerva d-dritt li jadotta jew li jżomm kull miżura fir-rigward ta' forniment transfruntier ta' servizzi ta' awditjar.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Tiftix eżekuttiv Servizzi ta' kollokament Servizzi ta' forniment tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87201, CPC 87202, CPC 87203
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Portugall jirriżerva d-dritt li jadotta jew li jżomm kull miżura fir-rigward tal-istabbiliment tas-servizzi ta' kollokament tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju. Il-Portugall jirriżerva d-dritt li jadotta jew li jżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' tiftix eżekuttiv u tal-forniment tas-servizzi tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' sigurtà
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87302, CPC 87303, CPC 87304, CPC 87305, CPC 87309
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali

Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-forniment transfruntier ta' servizzi ta' sikurezza minn fornitur barrani ta' servizzi mhuwiex permess. Il-kundizzjoni ta' ċittadinanza għal persunal speċjalizzat.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' investigazzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87301
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Fil-Portugall, is-servizzi ta' investigazzjoni huma monopolju riżervati għall-Istat.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Assigurazzjoni
Tip ta' Riżerva:	Forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji
Deskrizzjoni:	**Servizzi finanzjarji** L-assigurazzjoni tat-trasport bl-ajru u t-trasport marittimu, li tkopri prodotti, inġenji tal-ajru, bastimenti u responsabbiltà, tista' tkun sottoskritta biss minn intrapriżi stabbiliti fl-UE. Il-persuni jew il-kumpaniji biss stabbiliti fl-UE jistgħu jaġixxu bħala intermedjarji għat-tali negozji tal-assigurazzjoni fil-Portugall.
Miżuri Eżistenti:	Art. 7 tad-Digriet Liġi 94-B/98 u art. 7 tad-Digriet Liġi 144/2006

Settur:	Servizzi soċjali
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 933
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-Portugall jirriżerva d-dritt li jadotta jew li jżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi soċjali ffinanzjati privatament barra minn servizzi relatati mad-Djar ta' Konvalexxenza u Mistrieħ u d-Djar għall-Anzjani.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Enerġija
Sottosettur:	Elettriku, gass naturali, żejt grezz jew prodotti tal-petroleum
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 232, ISIC rev 3.1 4010, ISIC rev 3.1 4020, CPC 7131, CPC 7422, CPC 887 (barra minn servizzi ta' pariri u ta' konsultazzjoni)
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali

Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-Portugall jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kull miżura fir-rigward tal-produzzjoni, t-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku, il-manifattura tal-gass, it-trasport bil-pajpline tal-fjuwil, servizzi bl-ingrossa tal-elettriku, servizzi bl-imnut tal-elettriku u gass mhux ibbottiljat, u servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-elettriku u l-gass naturali. Il-Portugall jirriżerva d-dritt li jadotta jew li jżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment transfruntier ta' servizzi ta' ħżin u ta' magażinaġġ ta' fjuwil ittrasportat bil-pajpline (gass naturali). L-attivitajiet ta' trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku huma mwettqa permezz ta' konċessjonijiet esklussivi ta' servizz pubbliku. Il-konċessjonijiet relatati mat-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-ħażna taħt l-art ta' gass naturali u t-terminal ta' riċeviment, ħżin u rigassifikazzjoni ta' LNG jingħataw kuntratti ta' konċessjoni, wara sejħiet pubbliċi għal offerti. Dawn il-konċessjonijiet għas-setturi ta' elettriku u gass huma assenjati biss lil kumpaniji b'responsabbiltà limitata bil-kwartieri ġenerali u maniġment effettiv tagħhom fil-Portugall.
Miżuri Eżistenti:	Digriet Amministrattiv 230/2012 u Digriet Amministrattiv 231/2012, is-26 ta' Ottubru - Gass Naturali Digriet Amministrattiv 215-A/2012 u Digriet Amministrattiv 215-B/2012, it-8 ta' Ottubru - Elettriku Digriet Amministrattiv 31/2006, il-15 ta' Frar – Żejt grezz vs. Prodotti tal-petroleum
Settur:	Trasport
Sottosettur:	Trasport bit-triq trasport tal-passiġġieri, trasport tal-merkanzija, servizzi ta' trasport internazzjonali bit-trakkijiet

Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 712
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment** Għat-trasport ta' passiġġieri, jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal forniment ta' servizzi ta' limousine. Kriterji ewlenin: in-numru u l-impatt fuq stabbilimenti eżistenti, densità tal-popolazzjoni, firxa ġeografika, impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u ħolqien tax-xogħol ġdid.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi oħra
Sottosettur:	Servizzi funerarji, kremazzjoni u servizzi tat-twiebet
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	KAPITLU 97030
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-Portugall jirriżerva d-dritt li jadotta jew li jżomm kull miżura fir-rigward ta' servizzi funerarji, kremazzjoni u servizzi tat-twiebet. Il-maniġment privat u t-tħaddim ta' ċimiterji jitwettaq taħt konċessjoni pubblika.
Miżuri Eżistenti:	Digriet Amministrattiv 109/2010, l-14 ta' Ottubru 2010 Liġi 13/2011, id-29 ta' April 2011

Riżervi applikabbli fir-Rumanija

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' riċerka u żvilupp
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 851, CPC 852, CPC 853
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Ir-Rumanija tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward ta' forniment transfruntier ta' servizzi ta' riċerka u żvilupp.
Miżuri Eżistenti:	Digriet tal-Gvern nru 6 / 2011 Ordni tal-Ministru tal-Edukazzjoni u r-Riċerka nru 3548 / 2006 Digriet tal-Gvern nru 134 / 2011

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Tiftix eżekuttiv Servizzi ta' kollokament Servizzi ta' forniment tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87201, CPC 87202, CPC 87203
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi

Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Ir-Rumanija tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-istabbiliment tas-servizzi ta' kollokament tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju. Ir-Rumanija tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' tiftix eżekuttiv u tal-forniment tas-servizzi tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' sigurtà
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87302, CPC 87303, CPC 87304, CPC 87305, CPC 87309
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Ir-Rumanija tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' sigurtà. Jista' jkun hemm rekwiżiti ta' liċenzjar u ta' awtorizzazzjoni. Il-preżenza ta' residenza jew ta' preżenza kummerċjali hija mitluba u jistgħu japplikaw rekwiżiti ta' nazzjonalità.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi edukattivi
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 921, CPC 922, CPC 923, CPC 924
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Ir-Rumanija tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' edukazzjoni primarja, sekondarja u ogħla, u servizzi ta' edukazzjoni għall-adulti ffinanzjati privatament.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi soċjali
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 933
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** Ir-Rumanija tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi soċjali ffinanzjati privatament.
Miżuri Eżistenti:	

Riżervi applikabbli fir-Repubblika Slovakka

Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	Akkwist ta' proprjetà immobbli
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Deskrizzjoni:	**Investiment** Il-kumpaniji barranin jew il-persuni fiżiċi ma jistgħux jakkwistaw art agrikola jew art forestali barra mill-fruntiera tal-erja mibnija ta' muniċipalità u xi art oħra (pereżempju riżorsi naturali, għadajjar, xmajjar, toroq pubbliċi, eċċ.).
Miżuri Eżistenti:	L-Att 202/1995, l-Att dwar ir-Rata tal-Kambju, art. 19 L-Att 202/1995 dwar il-Liġijiet dwar l-Aġġustament ta' relazzjonijiet ta' sjieda għall-Art

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Tiftix eżekuttiv Servizzi ta' kollokament Servizzi ta' forniment tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87201, CPC 87202, CPC 87203
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi

Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Ir-Repubblika Slovakka tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-istabbiliment tas-servizzi ta' kollokament tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju. Ir-Repubblika Slovakka tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' tiftix eżekuttiv u tal-forniment tas-servizzi tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' sigurtà
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87302, CPC 87303, CPC 87304, CPC 87305, CPC 87309
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Ir-Repubblika Slovakka tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' sigurtà. Jista' jkun hemm rekwiżiti ta' liċenzjar u ta' awtorizzazzjoni. Il-preżenza ta' residenza jew ta' preżenza kummerċjali hija mitluba u jistgħu japplikaw rekwiżiti ta' nazzjonalità.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi edukattivi
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 921, CPC 922, CPC 923 barra minn CPC 92310, CPC 924
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Ir-rekwiżit ta' residenza fiż-ŻEE għal fornituri tas-servizzi ta' edukazzjoni kollha ffinanzjati privatament barra minn għal servizzi edukattivi post-sekondarji tekniċi u vokazzjonali. Jista' japplika test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, b'mod li n-numru tal-iskejjel li jkun stabbilit jista' ikun limitat minn awtoritajiet lokali. Fir-Repubblika Slovakka, il-maġġoranza tal-membri tal-bord tad-diretturi ta' stabbiliment li jipprovdi servizzi edukattivi jridu jkunu ċittadini tar-Repubblika Slovakka.
Miżuri Eżistenti:	Att 245/2008 dwar l-edukazzjoni Att 131/2002 dwar l-Universitajiet, artikoli 2, 47, 49a Att 596/2003 dwar l-amministrazzjoni mill-istat tal-edukazzjoni, art. 16

Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	Servizzi ta' sptar Servizzi tal-ambulanza Servizzi residenzjali tas-saħħa apparti servizzi fi sptar
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 9311, CPC 93192, CPC 93193
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** Ir-Repubblika Slovakka tirriżerva d-dritt li tadotta jew żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' sptar, ambulanza u servizzi tas-saħħa residenzjali oħra ffinanzjati privatament barra minn servizzi ta' sptar.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi soċjali
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 933

Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** Ir-Repubblika Slovakka tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi soċjali ffinanzjati privatament.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	L-assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Servizzi finanzjarji** Iċ-ċittadini barranin jistgħu jistabbilixxu kumpanija tal-assigurazzjoni fil-forma ta' kumpannija b'ishma konġunti jew jistgħu jwettqu kummerċ permezz ta' fergħa li għandha uffiċċju reġistrat fir-Repubblika Slovakka. L-awtorizzazzjoni fiż-żewġ każijiet hija suġġetta għall-evalwazzjoni ta' awtorità ta' sorveljanza.
Miżuri Eżistenti:	Att **8/2008** dwar l-edukazzjoni
Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u finanzjarji oħra (bl-eċċezzjoni ta' assigurazzjoni)
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	

Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali
Miżuri:	Att 566/2001 dwar it-Titoli Att 483/2001 dwar il-Banek
Deskrizzjoni:	**Servizzi finanzjarji** Is-servizzi ta' investiment fir-Repubblika Slovakka jistgħu jiġu pprovduti minn kumpaniji ta' maniġment li għandhom il-forma ġuridika ta' kumpanija b'ishma konġunti b'kapital ta' ekwità skont il-liġi (ebda fergħat).
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Enerġija
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 4010, ISIC rev 3.1 4020, ISIC rev 3.1 4030, CPC 7131
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Teħtieġ awtorizzazzjoni għall-produzzjoni, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku, il-manifattura ta' gass u d-distribuzzjoni ta' fjuwil gassuż, il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' fwar u ilma jaħraq, it-trasport bil-pajpline tal-fjuwil, bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut tal-elettriku, fwar u ilma jaħraq, u servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija. Jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi u l-applikazzjoni tista' tiġi miċħuda biss jekk is-suq ikun saturat. Għal dawn l-attivitajiet kollha, tista' tingħata biss awtorizzazzjoni lil persuna fiżika b'residenza permanenti fi Stat Membru tal-UE jew taż-ŻEE jew persuna ġuridika stabbilita fl-UE jew iż-ŻEE.

Miżuri Eżistenti:	Att 51/1988 dwar l-Estrazzjoni, art. 4a Att 569/2007 dwar l-Attività Geoloġika, art. 5 Att 251/2012 dwar l-Enerġija, artikoli 6, 7 Att 657/2004 dwar l-Enerġija Termali, art. 5
Settur:	It-trasport Is-Sajd Akkwakultura
Sottosettur:	Trasport bl-ilma Serviżżi inċidentali għas-sajd
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 722
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Fir-Repubblika Slovakka, l-investituri barranin iridu jkollhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom fir-Repubblika Slovakka sabiex japplikaw għal liċenzja li tippermettilhom jipprovdu servizz.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Trasport
Sottosettur:	Trasport bit-triq trasport tal-passiġġieri, trasport tal-merkanzija, servizzi ta' trasport internazzjonali bit-trakkijiet
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 712

Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment** Għal trasport ta' merkanzija, jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: domanda lokali.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Trasport bil-ferrovija
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7111, CPC 7112
Tip ta' Riżerva:	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-miżuri li jittieħdu skont ftehimiet eżistenti jew futuri, u li jirregolaw id-drittijiet tat-traffiku u l-kundizzjonijiet tat-tħaddim, u l-forniment ta' servizzi tat-trasport fit-territorju tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka u l-Islovakkja u bejn il-pajjiżi kkonċernati.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Trasport bit-triq
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7121, CPC 7122, CPC 7123
Tip ta' Riżerva:	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit

Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi**
	Il-miżuri li huma meħuda taħt ftehimiet eżistenti jew futuri, u li jirriżervaw jew jillimitaw il-forniment ta' servizzi tat-trasport u li jispeċifikaw l-kundizzjonijiet tat-tħaddim, inkluż permessi ta' tranżitu jew taxxi preferenzjali tat-triq ta' servizzi tat-trasport fi, ġewwa u barra mis-Slovakkja lill-partijiet kontraenti kkonċernati.
Miżuri Eżistenti:	

Riżervi applikabbli fis-Slovenja

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Tiftix eżekuttiv Servizzi ta' kollokament Servizzi ta' forniment tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87201, CPC 87202, CPC 87203
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Is-Slovenja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-istabbiliment tas-servizzi ta' kollokament tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju. Is-Slovenja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' tiftix eżekuttiv u tal-forniment tas-servizzi tal-persunal ta' sostenn fl-uffiċċju.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' sigurtà
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87302, CPC 87303, CPC 87304, CPC 87305, CPC 87309

Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Is-Slovenja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' sigurtà. Jista' jkun hemm rekwiżiti ta' liċenzjar u ta' awtorizzazzjoni. Il-preżenza ta' residenza jew ta' preżenza kummerċjali hija mitluba u jistgħu japplikaw rekwiżiti ta' nazzjonalità.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi edukattivi
Sottosettur:	Servizzi ta' edukazzjoni bażika Servizzi ta' edukazzjoni sekondarja Servizzi ta' edukazzjoni għolja
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 921, CPC 922, CPC 923
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Is-Slovenja tirriżerva d-dritt li tirrikjedi stabbiliment u li tirrestringi l-forniment transfruntier ta' servizzi tal-edukazzjoni bażika ffinanzjati privatament. Il-maġġoranza tal-membri tal-bord tad-diretturi ta' stabbiliment li jipprovdi servizzi ta' edukazzjoni sekondarja jew ogħla jridu jkunu ċittadini Sloveni.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	Servizzi tal-ambulanza
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 93192
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** Is-Slovenja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi tal-ambulanza ffinanzjati privatament.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi soċjali
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 933
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** Is-Slovenja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi soċjali ffinanzjati privatament.
Miżuri Eżistenti:	

Riżervi applikabbli fi Spanja

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Tiftix eżekuttiv Servizzi ta' kollokament
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87201, CPC 87202
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment** Spanja tirriżerva d-dritt li tirrestringi n-numru ta' fornituri ta' servizzi ta' tiftix eżekuttiv. Spanja tirriżerva d-dritt li tirrestringi n-numru ta' fornituri ta' servizzi ta' kollokament.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' sigurtà
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 87302, CPC 87303, CPC 87304, CPC 87305, CPC 87309
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali

Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi**
	Il-forniment ta' servizzi ta' sigurtà minn fornitur barrani fuq bażi transfruntier mhuwiex permess.
	L-aċċess permezz ta' Sociedades Anonimas, Sociedades de Responsabilidad Limitada, Sociedades Anonimas Laborales u Sociedades Cooperativas biss.
	Il-kundizzjoni ta' ċittadinanza għal persunal speċjalizzat.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Assigurazzjoni
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
	Trattament nazzjonali
	Forniment transfruntier ta' servizzi finanzjarji
Deskrizzjoni:	**Servizzi finanzjarji**
	Ir-residenza hija meħtieġa jew alternattivament sentejn esperjenza għall-professjoni attwarja.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi soċjali
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 933

Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** Spanja tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi soċjali ffinanzjati privatament barra minn servizzi relatati mad-Djar ta' Konvalexxenza u Mistrieħ u d-Djar għall-Anzjani.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Trasport
Sottosettur:	Trasport bit-triq trasport tal-passiġġieri, trasport tal-merkanzija, servizzi ta' trasport internazzjonali bit-trakkijiet
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 712
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment** Għat-trasport ta' passiġġieri, it-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi japplika għal servizzi pprovduti taħt CPC 7122. Kriterji ewlenin: domanda lokali. It-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi japplika għal servizzi ta’ karozzi tal-linja bejn belt u oħra. Kriterji ewlenin: in-numru u l-impatt fuq stabbilimenti eżistenti, densità tal-popolazzjoni, firxa ġeografika, impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u ħolqien tax-xogħol ġdid.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi ta' trasport bit-triq (merkanzija)
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7123
Tip ta' Riżerva:	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** L-awtorizzazzjoni għall-istabbiliment ta' preżenza kummerċjali tista' tiġi miċħuda lil fornituri ta' servizz, li l-pajjiż tal-oriġini tagħhom ma jagħtix aċċess effettiv għas-suq lil fornituri tas-servizz ta' Spanja.
Miżuri Eżistenti:	Ley 16/1987, de 30 de julio, de Ordenación de los Transportes Terrestres

Riżervi applikabbli l-Iżvezja

Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-Iżvezja tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm rekwiżiti diskriminatorji għal fundaturi, maniġment superjuri u bord tad-diretturi meta forom ġodda ta' assoċjazzjoni legali huma inkorporati fil-liġi Żvediża.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Setturi kollha
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	
Tip ta' Riżerva:	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Miżuri meħuda mid-Danimarka, l-Iżvezja u l-Finlandja bl-għan tal-promozzjoni tal-kooperazzjoni Nordika, bħal: (a) sostenn finanzjarju għal proġetti ta' riċerka u żvilupp (R&D) (il-Fond Industrijali Nordiku); (b) finanzjament ta' studji tal-fattibbiltà ta' proġetti industrijali (il-Fond Nordiku għal Esportazzjonijiet ta' Proġetti); u

	(c) għajnuna finanzjarja lil kumpaniji[4] li jużaw teknoloġija ambjentali (il-Korporazzjoni Nordika għall-Finanzjament Ambjentali). Din ir-riżerva hija mingħajr preġudizzju għall-esklużjoni ta' akkwist pubbliku minn Parti, sussidji, jew sostenn governattiv għal negozju f'servizzi fl-Artikolu 8.15.5(a) u (b), u fl-Artikolu 9.2.2(f) u (g) rispettivament.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Estrazzjoni u xogħol fil-barrieri, manifattura tal-elettriku, forniment tal-gass u l-ilma
Sottosettur:	Ġenerazzjoni ta' elettriku bbażata fuq in-nukleari Ipproċessar ta' fjuwil nukleari
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 1200, ISIC rev 3.1 2330, parti minn rev 3.1 4010
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-Iżvezja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward tal-ipproċessar ta' fjuwil nukleari u l-ġenerazzjoni tal-elettriku bbażata fuq in-nukleari.
Miżuri Eżistenti:	Il-Kodiċi tal-Ambjent Żvediż (1998:808) Il-Liġi dwar l-Attivitajiet Ta' Teknoloġija Nukleari (1984:3)

[4] Tapplika għal kumpaniji Ewropej tal-Lvant, li qegħdin jikkoperaw ma' kumpanija/i Nordika/Nodiċi.

Settur:	Servizzi ta' distribuzzjoni
Sottosettur:	Bejgħ bl-imnut ta' farmaċewtiċi, prodotti mediċinali u ortopediċi u servizzi oħra pprovduti minn spiżjara
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 63211
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Il-monopolju Żvediż dwar il-bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċinali ġie abbandunat fl-1 ta' Lulju 2009. Billi l-ftuħ tas-suq huwa riċenti u jinvolvi modi ġodda ta' konsenja ta' servizzi, l-Iżvezja tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward ta' bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċinali u l-forniment ta' prodotti mediċinali lill-pubbliku inġenerali.
Miżuri Eżistenti:	Il-Liġi dwar in-negozju ta' prodotti mediċinali Ir-Regolament dwar in-negozju ta' prodotti mediċinali (2009:659) L-Aġenzija Żvediża ta' Prodotti Mediċinali adottat regolamenti ulterjuri, id-dettalji jistgħu jinsabu fi (LVFS 2009:9) http://www.lakemedelsverket.se/upload/lvfs/LVFS_2009-9.pdf

Settur:	Servizzi edukattivi
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 92
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi

Deskrizzjoni:	**Investiment u Negozju Transfruntier ta' Servizzi** L-Iżvezja tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura fir-rigward ta' fornituri ta' servizzi edukattivi li huma approvati mill-awtoritajiet pubbliċi sabiex jipprovdu l-edukazzjoni. Din ir-riżerva tapplika għal fornituri ta' servizzi edukattivi ffinanzjati privatament b'xi forma ta' sostenn mill-Istat, *inter alia*, fornituri ta' servizz edukattiv rikonoxxuti mill-Istat, fornituri ta' servizzi edukattivi li huma taħt s-superviżjoni tal-Istat jew l-edukazzjoni li tintitola għal sostenn tal-istudju.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Riċiklaġġ
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	ISIC rev 3.1 37
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-Iżvezja tirriżerva d-dritt li tillimita n-numru ta' fornituri ta' servizzi ta' riċiklaġġ iffinanzjati privatament fuq il-livell ta' gvern lokali, billi tistabbilixxi jew iżżomm monopolji, jew tagħti konċessjoni jew drittijiet esklussivi fuq bażi mhux diskriminatorja lil fornitur jew fornituri ta' servizz. Il-limitazzjoni fuq l-aċċess għas-suq tirrifletti l-applikazzjoni tar-riżerva tal-UE dwar l-utilitajiet pubbliċi.

Miżuri Eżistenti:	Il-Kodiċi tal-Ambjent (1998:808) SFS 1994:1205 Förordning (1994:1205) om producentansvar för returpapper SFS 2000:208 Förordning (2000:208) om producentansvar för glödlampor och vissa belysningsarmaturer SFS 2005:209 Förordning (2005:209) om producentansvar för elektriska och elektroniska produkter SFS 1997:185 Förordning (1997:185) om producentansvar för förpackningar SFS 1994:1236 Förordning (1994:1236) om producentansvar för däck SFS 1993:1154 Förordning (1993:1154) om producentansvar för glasförpackningar och förpackningar av wellpapp SFS 2007:185 Förordning (2007:185) om producentansvar för bilar SFS 2007:193 Förordning (2007:193) om producentansvar för vissa radioaktiva produkter och herrelösa strålkällor SFS 2006:1273 Förordning (2006:1273) om producentansvar för förpackningar SFS 2009:1031 Förordning (2009:1031) om producentansvar för läkemedel
Settur:	Immaniġġjar tal-iskart
Sottosettur:	Immaniġġjar tal-iskart minn unitajiet domestiċi u skart relatat ma' responsabbiltajiet ta' produttur
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 9402
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq

Deskrizzjoni:	**Investiment**
	L-Iżvezja tirriżerva d-dritt li tillimita n-numru ta' fornituri ta' servizzi ta' immaniġġjar tal-iskart iffinanzjati privatament fuq il-livell ta' gvern lokali, billi tistabbilixxi jew iżżomm monopolji, jew tagħti konċessjoni jew drittijiet esklussivi fuq bażi mhux diskriminatorja lil fornitur jew fornituri ta' servizz. Il-limitazzjoni fuq l-aċċess għas-suq tirrifletti l-applikazzjoni tar-riżerva tal-UE dwar l-utilitajiet pubbliċi.
Miżuri Eżistenti:	Il-Kodiċi tal-Ambjent (1998:808) SFS 1994:1205 Förordning (1994:1205) om producentansvar för returpapper SFS 2000:208 Förordning (2000:208) om producentansvar för glödlampor och vissa belysningsarmaturer SFS 2005:209 Förordning (2005:209) om producentansvar för elektriska och elektroniska produkter SFS 1997:185 Förordning (1997:185) om producentansvar för förpackningar SFS 1994:1236 Förordning (1994:1236) om producentansvar för däck SFS 1993:1154 Förordning (1993:1154) om producentansvar för glasförpackningar och förpackningar av wellpapp SFS 2007:185 Förordning (2007:185) om producentansvar för bilar SFS 2007:193 Förordning (2007:193) om producentansvar för vissa radioaktiva produkter och herrelösa strålkällor SFS 2006:1273 Förordning (2006:1273) om producentansvar för förpackningar SFS 2009:1031 Förordning (2009:1031) om producentansvar för läkemedel

Settur:	Trasport marittimu
Sottosettur:	Kabotaġġ
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 7211, CPC 7212
Tip ta' Riżerva:	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit Obbligi
Deskrizzjoni:	**Investiment, Negozju Transfruntier ta' Servizzi u Servizzi ta' Trasport Marittimu Internazzjonali** Il-miżuri jistgħu jittieħdu fuq bażi reċiproka li tippermetti l-bastimenti mill-Kanada taħt il-bandiera tal-Kanada sabiex joperaw it-traffiku ta' kabotaġġ fl-Iżvezja u l-provinċji u t-territorji tagħha jippermettu l-bastimenti rreġistrati taħt il-bandiera tal-Iżvezja sabiex joperaw it-traffiku tal-kabotaġġ fil-Kanada. L-għan speċifiku ta' din ir-riżerva jiddependi fuq il-kontenut ta' ftehim futur bi qbil reċiproku bejn il-Kanada u l-Iżvezja.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi kummerċjali Servizzi awżiljarji għat-trasport bil-ferrovija u bl-ajru
Sottosettur:	Manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir tat-trasport bil-ferrovija u bit-triq u u partijiet minnu
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 6112, CPC 6122, parti minn CPC 8867, parti minn CPC 8868
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment** Fl-Iżvezja, is-servizzi ta' manutenzjoni u ta' tiswija ta' tagħmir tat-trasport bil-ferrovija u bit-triq huma suġġetti għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi meta investitur ikun beħsiebu jistabbilixxi l-faċilitajiet ta' infrastruttura tat-terminals tiegħu. Kriterji ewlenin: limiti ta' spazju u ta' kapaċità.
Miżuri Eżistenti:	Att dwar l-Ippjanar u l-Binja (2010:900)

Settur:	Servizzi oħra mhux inklużi x'imkien ieħor
Sottosettur:	Servizzi funerarji, kremazzjoni u servizzi tat-twiebet
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 9703
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** L-Iżvezja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kull miżura fir-rigward ta' servizzi funerarji, kremazzjoni u servizzi tat-twiebet
Miżuri Eżistenti:	

Riżervi applikabbli fir-Renju Unit

Settur:	Servizzi kummerċjali
Sottosettur:	Servizzi ta' awditjar
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 86211, CPC 86212 barra minn servizzi tal-kontabilità
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Ir-Renju Unit jirriżerva d-dritt li jadotta jew li jżomm kull miżura fir-rigward ta' forniment transfruntier ta' servizzi ta' awditjar.
Miżuri Eżistenti:	Att dwar il-Kumpaniji tal-2006

Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	*Servizzi mediċi*
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 93121, CPC 93122
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq
Deskrizzjoni:	**Investiment** L-istabbiliment għat-tobba taħt is-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa huwa suġġett għall-ippjanar tal-ħaddiema mediċi.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	Servizzi tal-ambulanza Servizzi ta' faċilitajiet residenzjali tas-saħħa apparti servizzi fi sptar
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 93192, CPC 93193
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** Ir-Renju Unit jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment tas-servizzi tal-ambulanza u servizzi ta' faċilitajiet tas-saħħa residenzjali oħra ffinanzjati privatament barra minn servizzi ta' sptar.
Miżuri Eżistenti:	

Settur:	Servizzi tas-saħħa
Sottosettur:	Servizzi professjonali relatati mas-saħħa, inkluż servizzi mediċi u dentali kif ukoll servizzi minn psikologi; servizzi ta' qbiela Servizzi minn infermiera, fiżjoterapisti u persunal paramediku Bejgħ bl-imnut ta' farmaċewtiċi, prodotti mediċinali u ortopediċi u servizzi oħra pprovduti minn spiżjara
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 63211, parti minn CPC 85201, CPC 9312, parti minn CPC 93191
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Aċċess għas-suq

Deskrizzjoni:	**Negozju Transfruntier ta' Servizzi** Ir-Renju Unit jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kull miżura li tirrikjedi l-istabbiliment ta' fornituri u li tirrestringi l-forniment transfruntier tas-servizzi professjonali relatati mas-saħħa minn fornituri ta' servizzi li mhumiex fiżikament preżenti fit-territorju tar-RU, inkluż servizzi mediċi u dentali kif ukoll servizzi minn psikologi; servizzi ta' qbiela; servizzi minn infermiera, fiżjoterapisti u persunal paramediku; il-bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u ta' prodotti mediċinali u ortopediċi u servizzi oħra pprovduti minn spiżjara.
Miżuri Eżistenti:	
Settur:	Servizzi soċjali
Sottosettur:	
Klassifikazzjoni tal-Industrija:	CPC 933
Tip ta' Riżerva:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
Deskrizzjoni:	**Investiment** Ir-Renju Unit jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kull miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi soċjali ffinanzjati privatament barra minn servizzi relatati mad-Djar ta' Konvalexxenza u Mistrieħ u d-Djar għall-Anzjani.
Miżuri Eżistenti:	